# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Ġunju - Lulju 2005 · LEĦEN L-GĦAWDXIN · Nru. 870 - Is-Sittin Sena





PM
Palazzo Margherita
Let your wedding
reflect your personality
For Reservations phone
2155 5737, 2155 7898

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Imwaqqfa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 870*
*Ġunju/Lulju 2005*
Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 111
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
*e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt
*homepage:*
www.gozodirect.com/lumenchristi

Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5

Issettjata: *Lumen Christi Media Centre*
Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534*

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fit-28 ta' Ġunju 2005*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Ir-Rivista tagħna tagħlaq Sittin Sena Ħajja • 9
Messaġġ ta' Mons. Isqof • 11
Leħen jagħajjat għal 60 sena • 12
Fehmet il-qarrejja • 14
Versi Riflessivi • 6
L-Ewwel Editorjal ta' Patri Akkursju Xerri • 18
Min kienu l-Edituri matul is-Sittin Sena • 19
ACM: L-Istampa Kattolika baqa' bżonnha? •20
Ktieb x'Taqra:
X'Meravilja ta' Mirakli Ewkaristiċi! • 22
Għawdex 300 sena ilu :
"Aħsbu fil-Għawdxin" - Perellos • 23
Tifsir fuq it-Tagħlim tal-Katekiżmu (37):
L-Ewkaristija (2) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (37) • 26
Tieqa fuq l-Ambjent Għawdxi (6):
L-Għerien fix-Xagħra •30
Xhieda Nisranija: Mons. Alwiġ Vella (3) •32
Mill-Knisja fid-Dinja • 33
Għawdxin li għadna niftakru (26) -
Patri Akkursju • 34
Passiġġata Biblika- 8 • 36
Int u saħħtek • 38
Ħolm il-Ħajja •40
Bejnietna n-Nisa •41
Għawdex Sportiv • 42





## SITTIN SENA TA' SERVIZZ LILL-KNISJA U LILL-KOMUNITÀ GĦAWDXIJA



*Eżattament sittin sena ilu, f' Ġunju tal-1945, fid-Djoċesi ta' Għawdex beda jiġi ppubblikat il-ġurnal "Għawdex", bl-ewwel editur tiegħu ikun Patri Akkursju Xerri OFM. Ma nafx jekk dak inhar l-ewwel pubblikaturi ħasbux dwar jekk il-ħajja ta' dan il-ġurnal kenitx se tkun waħda twila jew qasira. Li hu żgur iżda hu l-fatt li l-pedament li fasslu huma wera ruħu sod u msejjes fuq blat żonqri.*

*Huwa sew li wieħed ifakkar ċerti avvenimenti importanti, speċjalment bħal ma hu dan tas-sittin sena mit-twelid tar-rivista djoċesana tagħna , l-aktar meta wieħed iħares lura u jara l-impenn u s-serjetà li dejjem ikkaratterizzaw kull edizzjoni ta' din ir-rivista djoċesana, tul dawn is-snin li fihom ilha tiġi ppubblikata. Bħal kull ħaġa oħra d-diffikultajiet u l-qtiegħ il-qalb ma naqsux, imma r-rieda qawwija u d-dedikazzjoni li kontinwament urew dawk li kellhom f' idejhom il-pubblikazzjoni ta' dan il-perjodiku, dejjem għelbu kull ostaklu. Dan illum lilna jimliena bil-kuraġġ u jħeġġiġna fl-impenn tagħna biex "Il-Ħajja f' Għawdex" tibqa' taqdi l-funzjoni tagħha.*

*Iżda nkunu qiegħdin nonqsu jekk illum nieqfu biss fuq il-passat. Okkażjoni bħal din għandha wkoll twassalna biex inħarsu lejn il-preżent u anke lejn il-futur. Huwa fatt li f' dawn l-aħħar snin sar sforz qawwi biex ir-rivista tingħata face lift ġdid. Il-bidla fil-format u l-preżentazzjoni kompliet tgħin biex "Il-Ħajja f' Għawdex" tidher aktar attraenti għaż-żminijiet tallum fejn il-media stampata qed ikollha kompetizzjoni enormi mill-media elettronika b'mod speċjali dik kompjuterizzata. L-introduzzjoni ta' artikli u rubriki ġodda jidher li ġew milqugħa tajjeb u anke żiedu l-interess ta' kategoriji oħra ta' nies. Għaldaqstant nemmnu li għad baqa ħafna x' jista jsir aħjar, u dan lilna jistimulana biex inkomplu naħdmu fuq dan it-tiġdid.*

*Sfida prinċipali li b' xi mod trid tiġi affrontata fis-snin li ġejjin hija dik ta' abbonamenti ġodda. L-abbonati m'humiex ftit iżda nemmnu li r-rivista tista' tinteressa lil ħafna oħrajn. Konvinti li l-materjal li toffri r-rivista jista' jiġi apprezzat iżjed u hawn għandi f' moħħi l-ġenerazzjoni ta' l-istudenti, b' mod speċjali dawk tal-livell sekondarju u terzjarju. Huwa importanti li l-ġenerazzjoni żagħżugħa titgħallem tapprezza iżjed il-wirt reliġjuż, storiku u kulturali li għaddewlna ta' qabilna, u dan dejjem ġie kkultivat u promoss fil- "Ħajja f' Għawdex" .*

*Illum inħoss li minn din il-kolonna għandi nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor tul dawn is-sittin sena taw is-sehem tagħhom biex "Il-Ħajja f' Għawdex", setgħet tibqa' miexja 'l-quddiem: l-edituri kollha, l-kontributuri regolari, l-artikolisti l-oħra, ż-żelaturi, d-ditti u l-aġenziji li jsostnu xi ftit l-ispejjeż ta' l-istampa bl-għajnuna finanzjarja tagħhom u fl-aħħar, imma mhux l-inqas lilkom abbonati u sostenituri. F'din l-okkażjoni nrodd ħajr ukoll lil dawk kollha li jinkuraġġuna f' din il-ħidma tagħna u li jgħinuna anke bil-pariri u s-suġġerimenti tagħhom. L-apprezzament tagħkom jagħmlilna ħafna kuraġġ!*

*J'Alla għas-snin li ġejjin ir-rivista djoċesana "Il-Ħajja f' Għawdex" tkompli taqdi l-missjoni tagħha li tkun verament "leħen il-Għawdxin kollha" u xandara tal-verità mibnija fuq il-valuri nsara li għaddewlna missirijietna.*

**Dun Ruben Micallef**




## *Tqassim tal-Bibbja*

Fl-okkażjoni ta'l-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar, 6 ta' Mejju 2005, l-Eċċellenza Tiegħu Mons Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex kien mistieden fl-Iskola Sekondarja Ninu Cremona biex imexxi quddiesa għall-istudenti tal-*Form One*. Flimkien ma' Mons Isqof iċċelebra wkoll id-direttur spiritwali Dun Ġużepp Cini. Peress li fl-aħħar tal-quddiesa tqassam il-ktejjeb tal-Ġdid Testment lit-tfal li kienu ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof, fl-omelija Mons Isqof saħaq fuq l-importanza tal-Kelma ta' Alla fil-ħajja tan-nisrani.

## *L-għotjiet ta' karità*

It-Tnejn, 9 ta' Mejju 2005 f'quddiesa mmexxija minn Mons Isqof, akkumpanjat mid-Direttur tal-Caritas Mons Manwel Curmi, fil-kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb ġew imqassma għotjiet ta' flus lil diversi istituzzjonijiet ta' karità. Dawn il-flus li tqassmu kienu nġabru fil-kampanja ta' karità li saret nhar il-Festa ta' Kristu Re fis-sena 2004. Is-somma miġbura kienet laħqet Lm 9127.89. Fl-omelija Mons Isqof qal li l-karità trid tkun innovativa, fis-sens li għandna naraw x'inhuma l-bżonnijiet l-iktar urġenti ta' żminijietna u nfittxu noħolqu l-istrutturi meħtieġa biex il-karità li nagħmlu tasal għand min għandu tassew bżonnha u mingħajr dewmien. Fit-tmiem l-omelija Mons Isqof irringrazzja lil kull min ta l-għajnuna tiegħu biex inġabret is-somma imsemmija u rringrazzja ukoll lil min qed iwettaq ħidmiet għas-serviz ta' nies fil-bżonn.

## *Il-Kungress Ewkaristiku Nazzjonali*

Bejn it-23 ta' Mejju u t-3 ta' Ġunju 2005 ġie organizzat il-Kungress Ewkaristiku fil-gżejjer tagħna. F'Għawdex il-programm kien maqsum fi tnejn. L-ewwel parti mit-23 ta' Mejju sad-29 ta' Mejju ġew organizzati l-attivitajiet fuq bażi parrokkjali.Dawn kienu jinkludu laqgħat għall-familji, tfal, żgħażagħ, quddies fid-djar tal-morda u lill-persuni kkonsagrati, Jum ta' Adorazzjoni, u l-Purċissjoni tas-Solennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, imsejħa tal-"*Corpus*." Mill-31 ta' Mejju sat-3 ta' Ġunju saru attivitajiet fuq livell djoċesan. Saru tliet laqgħat għall-kleru fil-kappella tas-Seminarju Maġġuri;l-ewwel laqgħa saret mill-kappillan il-Kan. Dun Daniel Xerri dwar "L-Ewkaristija fit-Tagħlim ta' Ġwanni Pawlu II", it-tieni laqgħa saret minn Fr Charles Buttigieg dwar "L-Ewkaristija fl-istudji bibliċi riċenti" u l-aħħar laqgħa saret minn Fr Jesmond Manicaro dwar "Iċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika wara r-riforma liturġika." Laqgħat simili saru fil-knisja ta' Sant'Wistin għar-reliġjużi Nisa minn Fr Chris Farrugia OFM u Fr Anton Theuma; u oħrajn għall-edukaturi, għalliema u katekisti, mill-Professur Edward Warrington fis-Sala ta' l-Azzjoni Kattolika. Dan il-Kungress f'Għawdex ġie fit-tmiem tiegħu b'*Ora Santa* għas-saċerdoti mmexxija minn Fr. Anton Theuma. Wara l-*Ora Santa* kien hemm konċelebrazzjoni u purċissjoni ewkaristika mmexxija mill-Vigarju Ġenerali Mons Giovanni B. Gauci. Mons Isqof ħa sehem fil-konċelebrazzjoni li saret fi tmiem il-Kungress Ewkaristiku Nazzjonali fuq il-Fosos tal-Furjana mmexxija mill-Arċisqof Mons Ġużeppi Mercieca. Fl-aħħar inqara messaġġ mibgħut mill-Papa Benedittu XVI u sar l-Att ta' Konsagrazzjoni.

## *L-Oratorju "Il-Qalb ta' Kristu"*

Il-Ħadd Mons Isqof attenda għat-tieni eżekuzzjoni ta' l-Oratorio "Il-Qalb ta' Kristu" li sar fil-knisja tal-Fontana. Din l-attività kienet marbuta ma' l-okkażjoni f'għeluq il-mitt sena mill-konsagrazzjoni tal-knisja. Il-kliem ta' l-Oratorio huma ta' Mons Isqof u l-mużika tas-Surmast John Galea. L-istess Oratorio għandu jittella fil-Katidral ta' l-Imdina. Ħarġet ukoll *CD* ta' dan l-Oratorio. L-Oratorio ġie tradott ukoll għat-taljan mill-istess Mons Isqof.

## *Il-Jum Dinji ta' l-għoti tad-demm*

Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji ta' l-għoti tad-Demm saret quddiesa, nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju, għad-donaturi kollha fil-kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb. Il-konċelebrazzjoni kienet immexxija mill-Eċċellenza Tiegħu Mons Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex flimkien ma' saċerdoti oħra. Wara l-quddiesa kien hemm trattament żgħir b'rikonoxxenza għal dawk kollha li taw id-demm.

## *Sena oħra fl-Iskola tal-Konservatorju*

Fil-21 ta' Ġunju 2005 Mons Isqof kien mistieden mill-*headmaster* ta' l-Iskola tal-Konservatorju Mons Carmelo Gauci biex imexxi quddiesa fl-okkażjoni ta' tmiem tas-sena skolastika 2004-2005. Wara l-omelija Mons Isqof qassam il-ktieb tal-Ġdid Testment lill-istudenti tal-*Form One* li jmorru f'din l-iskola. Fl-aħħar tal-quddiesa Mons Isqof qassam l-"*school leaving certificate*" kif ukoll tifkira għal dawk it-tfal li għamlu l-Ewwel Tqarbina jew li rċivew is-Sagrament tal-Konfirmazzjoni.



L-Ordinazzjoni fil-Katidral

### *L-Anniversarju tas-Sejħa tal-Madonna ta' Pinu*

L-Erbgħa, 22 ta' Ġunju 2005 ħabat l-anniversarju tas-sejħa tal-Madonna ta' Pinu. L-Eċċellenza Tiegħu Mons Nikol Ġ. Cauchi mexxa konċelebrazzjoni fid-9.00a.m., u fl-10.00a.m. għamel is-supplika u ta l-Barka Sagramentali. Fil-għaxija fit-8.00 kien hemm konċelebrazzjoni oħra mexxija minn Mons Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali.

### *L-Ordinazzjoni ta' Djaknu u Ħames Saċerdoti*

Il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju 2005, festa tat-Twelid ta' Ġwanni l-Battista Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-Katidral ta' Għawdex li fiha ordna Djaknu lis-Seminarista Michael Galea mill-parroċċa tax-Xagħra u ordna wkoll Presbiteri lid-Djakni Christopher Cauchi (Għarb), Peter Paul Sammut (Nadur), Domnic Sultana (Xagħra), George Buttigieg OFM (Conv), u lil Pierre Farrugia OFM. Mons Isqof beda l-omelija tiegħu billi osserva li l-Ordinazzjoni hija ġrajja importanti mhux biss għall-individwi li jirċievu d-djakonat u l-presbiterat, imma hija okkażjoni speċjali għall-Knisja lokali u universali għaliex dawn huma ħaddiema ġodda fil-għalqa tal-Mulej. Mons Isqof għadda biex jispjega f'hiex jikkonsisti l-appostolat ta' dawn il-presbiteri li essenzjalment huwa servizz għall-verità. Importanti ħafna fil-ħajja saċerdotali li l-predikazzjoni tkun imsieħba minn ħajja ta' eżempju tajjeb.


# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

# X'ġara dan l-aħħar



Kronaka Għawdxija minn Lelio Spiteri

## Assoċjazzjoni ta' Għalliema Irtirati



Din l-assoċjazzjoni ġiet imwaqqfa nhar il-Ħamis 12 ta' Mejju waqt Laqgħa Ġenerali. Kien approvat l-istatut u saret l-elezzjoni għas-seba' membri li ser ikunu l-membri tal-kumitat għas-sentejn li ġejjin. Il-membri eletti huma Camilleri Michael, Cassar Michael, Grech Joe G., Mercieca Horace, Portelli Rose, Saliba Felicia u Vella Anthony. L-għanijiet għat-twaqqif ta' din l-assoċjazzjoni huma li jrawmu sens ta' solidarjetà bejn il-membri u jorganizzaw attivitajiet soċjali u kulturali għall-membri.

## Song Festival Marjan



Il-Leġjun ta' Marija f'Għawdex nhar is-Sibt 14 ta' Mejju, organizza s-36 edizzjoni tas-*Song Festival* Marjan, taħt il-patroċinju ta' Mons. Isqof Nikol Cauchi, fl-Oratorju Don Bosco, Victoria. Għal din l-edizzjoni daħlu 42 parteċipant li kienu maqsuma f'erba' kategoriji, jiġifieri, taż-żgħar għal dawk bejn is-7 u l-10 snin; tan-nofs għal dawk bejn il-11 u l-14-il sena u tal-kbar għal dawk 'l fuq minn 15-il sena. Kien hemm ukoll il-kategorija tal-gruppi jew korijiet. Barra l-premjijiet għall-kanzunetti ngħataw ukoll premjijiet għall-aħjar kliem tal-kanzunetti u għall-mużika

oriġinali. Naturalment it-tema tal-kanzunetti kienet waħda marjana. Ir-rebbieħa f'kategorija A, fl-ewwel post ġiet Francesca Sciberras, minn Fontana, bil-kanzunetta "Hemm Jien Rajtek". Denise Spiteri minn Kerċem ġiet fl-ewwel post f'kategorija B, bil-kanzunetta tagħha "L-Għanja ta' Massabielle" waqt li David Mario Fenech minn Fontana ġie fl-ewwel post f'kategorija Ċ, bil-kanzunetta "Għax Int Sultana". Fl-aħħar kategorija D, fl-ewwel post ġie il-kor tal-knisja tal-Kapuċċini "Fjur t'Assisi" bil-kant tiegħu "Hemm Int"...

## *Wirja fil-Belġju ta' l-Artiġjanat*



Bejn it-13 u t-18 ta' Mejju 2005, iċ-Ċentru Għawdxi ta' l-Arti u l-Artiġjanat Wistin Camilleri b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti ta' l-Artiġjanat, tella' esibizzjoni prestiġjuża ta' arti u artiġjanat ġewwa Temse, fil-Belġju. Din l-esibizzjoni, bħala l-ewwel waħda ta' din ix-xorta għal dan iċ-Ċentru, ġiet uffiċjalment inawgurata mill-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex flimkien mas-Sur Luc de Ryck, Sindku ta'Temse. Għall-ftuħ uffiċjali attendew madwar 360 mistieden, fosthom rappreżentanti prominenti mill-qasam tal-Kultura, *Sports* u Żgħażagħ tal-Belġju, kif ukoll ċittadini Maltin u Għawdxin li llum għandhom residenza permanenti fil-Belġju. Għal dawn ta' l-aħħar dan kien avveniment importanti fejn kellhom l-opportunità jiltaqgħu ma' Maltin oħrajn. Ġew esibiti aktar minn 400 oġġett, minn bizzilla sa *pyrography*, minn xogħol fil-ħġieġ sa induratura, bażikament kull suġġett mgħallem fiċ-Ċentru. Wara l-ftuħ uffiċjali ġiet organizzata "Lejla Għawdxija" fejn ġie servut ikel u xorb tipikament Malti, il-biċċa l-kbira minnu ġentilment mogħti liċ-Ċentru minn kumpaniji lokali. Huwa stmat li madwar 2300 persuna mill-Belġju u l-pajjiżi ġirien żaru din l-esibizzjoni. Il-kumment ġenerali fuq fomm kulħadd kien wieħed ta'tifħir. Kemm is-Sur Luc de Ryck, Sindku ta' Temse kif ukoll is-Sinjura Nadine Pauwels, Direttriċi ta' l-Iskola tal-Bizzilla f' Temse kellhom kliem ta' tifħir u apprezzament għal-livell milħuq.

## *Djalogu Soċjali-Politiku*



Waqt djalogu mal-pubbliku, bit-tema "Għawdex – bżonnijiet distinti, potenzjal uniku", li l-Prim Ministru Lawrence Gonzi kellu f'waħda mis-swali tal-Ministeru għal Għawdex, nhar l-Erbgħa 1 ta' Ġunju filgħaxija, tkellem dwar il-programm li qed iwettaq il-Gvern f'Għawdex. Wara li sema' d-diversi suġġerimenti, il-kritika u l-ilmenti li sarulu, il-Prim Ministru tkellem b'mod partikulari dwar il-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol fil-gżira Għawdxija għas-snin li ġejjin. Dwar it-turiżmu, il-Prim Ministru jemmen illi Għawdex għandu jiġi reklamat għalih, bħala prodott uniku u destinazzjoni distinta. Dwar is-servizz tal-ħelikopter, qal li fix-xahar ta' Mejju ntuża minn aktar minn 700 passiġġier. U kompla jgħid illi l-ħelikopter pprovdut illum hu wieħed żgurat u ta' kwalità ogħla, għalkemm kien hemm żieda fit-tariffa. Dwar il-*golf course*, il-Prim Ministru qal li m'għandux ikun hemm diffikultà għal żvilupp bħal dan f'Għawdex. Il-P.M. jemmen u ser jaħdem sabiex Għawdex jibqa' distrett elettorali wieħed u mhux jinqasam ma' partijiet f'Malta, bħal ma ġie ssuġġerit. Huwa tkellem ukoll dwar il-fondi li Għawdex ħa mill-Unjoni Ewropea u li ser jintużaw għal diversi proġetti identifikati bħal m'huma toroq ġodda. Tkellem ukoll dwar dixxiplina fejn jidħlu r-regolamenti tat-traffiku. Dwar il-Kunsilli Lokali, il-Prim Ministru qal li kienet instabet soluzzjoni sabiex bħal f'Malta, il-Kunsilli Lokali Għawdxin jingħataw numru ta' ħaddiema sabiex jaħdmu fuq xogħlijiet tagħhom.

## "Eat for Life"



Bħala parti mill-attivitajiet ta' Ġimgħa Ambjent, il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent flimkien mal-Ministeru għal Għawdex, nhar l-Erbgħa 1 ta' Ġunju, organizzaw attività bit-tema "*Eat for Life*" fil-ġonna ta' Villa Rundle, ir-Rabat. L-attività kienet tikkonsisti f'taħditiet u dimostrazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u l-ikel li hu tajjeb għas-saħħa, b'aċċenn partikolari fuq is-saħħa ta' l-adulti u l-ulied. Għal din l-okkażjoni ġiet mistiedna Kathryn Borg, *lifestyle consultant* li tkellmet dwar l-importanza li wieħed jiekol ikel nutrittiv u jadotta *lifestyle* moderata. Waqt l-attività tkellem ukoll Eman Calleja, mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, dwar il-prodotti organiċi mkabbra fil-*farm* sperimentali tal-Gvern ta' l-Għammieri. L-attività kienet imżewqa wkoll bi *stands* diversi li esibwew prodotti agrikoli lokali u prodotti oħra.

## Monument tal-Karnival fin-Nadur waqt Konvenzjoni tal-FECC

Fin-Nadur ġie inawgurat monument tal-bronż li jirrappreżenta l-karnival. Dan il-monument xogħol l-artist Għawdxi John Grima nħadem fil-bronż f' Verona fl-Italja u jinsab fi triq li tagħti għall-bajja tar-Ramla. Dan il-monument sar fl-okkażjoni tal-XXV Konvenzjoni tal-Bliet li jorganizzaw il-Karnival li saret fin-Nadur bejn it-28 ta' Mejju u l-5 ta' Ġunju , u li għaliha kienu preżenti f' Għawdex 450 delegat minn madwar id-dinja kollha. Dawn id-delegati kienu jinkludu diversi sindki ta' bliet li jorganizzaw il-karnival kif ukoll organizzaturi tal-karnival f' diversi pajjiżi. Il-monument tpoġġa fi ġnien żgħir li sar apposta u ġie inawgurat waqt ċeremonja qasira iżda sinifikanti li saret is-Sibt 4 ta' Ġunju fil-preżenza tad-delegati barranin kollha li kienu preżenti għall-XXV Konvenzjoni tal-FECC. L-inawgurazzjoni saret minn Henry Van der Kroon, President tal-FECC u Dr. Chris Said, Sindku tan-Nadur. Din l-iskultura pubblika saret sabiex l-ewwelnett tfakkar dan l-avveniment importanti li ġie ospitat fin-Nadur u wkoll sabiex tirrappreżenta l-karnival ferm popolari li hu magħruf għalih in-Nadur. Matul il-jiem li d-delegati kienu f' Għawdex saru diversi laqgħat konnessi mal-karnival kif ukoll numru ta' attivitajiet fosthom fix-Xagħra, fil-Belt Valletta kif ukoll fir-Rabat, Għawdex. Fin-Nadur reġa' ttella' l-karnival bis-sehem ta' karrijiet u żfin minn Malta u Għawdex, kif ukoll il-karnival spontanju fl-aħħar jumejn tal-Konvenzjoni.

## Il-Ġrajja tas-7 ta' Ġunju - ċelebrazzjoni fix-Xagħra



Fi Triq Bullara, ix-Xagħra, nhar it-Tlieta 7 ta' Ġunju, filgħaxija, l-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, is-Sur Anton Tabone, poġġa kuruna taħt il-lapida kommemorattiva li tfakkar lil Ġuzeppi Bajada (1881-1919), mix-Xagħra, Għawdex, wieħed mill-vittmi tas-*Sette Giugno*, 1919. Il-programm fetaħ bil-kant ta' l-innu lill Għawdex, mill-kor ta' l-Iskola Primarja tax-Xagħra. Inqrat poeżija miktuba għall-okkażjoni minn Carmel Cachia. Id-diskors kommemorattiv għamlitu s-Sinjorina Natalina Sultana. Indaqq il-'*Last Post*' minn membri tal-Forzi Armati ta' Malta u nżammet minuta silenzju. Il-banda ta' l-i*scouts* ta' San Ġwann, Malta, daqqet siltiet mużikali. Iċ-ċerimonja giet fi tmiemha bid-daqq ta' l-Innu ta' l-Ewropa u b'dak Malti mill-kor tat-tfal, u wara sar marċ mill-banda ta' l-i*scouts* ta' San Ġwann, minn Triq Bullara għal Triq il-Knisja u għall-Pjazza Vittoria.

# Ir-Rivista tagħna tagħlaq Sittin Sena Ħajja

*Rapport tal-Kav. Joe M. Attard*



*Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mdawwar minn saċerdoti konċelebranti waqt il-quddiesa ta' radd il-ħajr f'għeluq is-60 sena tar-Rivista Djoċesana.*

Nhar is-Sibt 18 ta' Ġunju 2005, Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa konċelebrazzjoni ma' għadd sabiħ ta' saċerdoti, ilkoll impenjati fit-tixrid ta' l-istampa t-tajba, fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù fin-Nadur, bħala radd il-ħajr lil Alla u b'suffraġju għal dawk kollha li għenu fit-tixrid u l-pubblikazzjoni tar-rivista djoċesana "Il-Ħajja f'Għawdex" sa mit-twelid tagħha sittin sena ilu. Matul l-ewwel għoxrin sena din ir-rivista kienet toħroġ taħt forma ta' ġurnal bl-isem ta' "Għawdex" sakemm Mons Isqof Cauchi, allura saċerdot imdaħħal sewwa fil-*media* kien taha l-bixra ta' 'magazine' bl-isem ta' "Il-Ħajja f'Għawdex", meta hu stess kien l-editur.

F'kelmtejn li għamel waqt il-konċelebrazzjoni, l-Isqof ħa spunt mill-vanġelu tal-ġurnata dwar il-Providenza u spjega kif matul is-snin riedet tkun il-Providenza Divina li mexxiet tant kollaboraturi,



*Uħud mill-kollaboraturi u ħbieb ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" miġbura għall-okkażjoni fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù fin-Nadur.*



*Tliet kontributuri regolari tar-rivista tagħna - Pawlu Mizzi, Dr. Mario Saliba, u George N. Cassar - waqt it-tlugħ ta' l-offerti fil-quddiesa*

benefatturi u kittieba li taw sehemhom biex ir-rivista baqgħet ħajja u llum laħqet livell tassew tajjeb. Huwa sellem lil Patri Accursio Xerri li kien hu li welled din il-pubblikazzjoni u lis-sinjura Edmea Tabone li kompliet fejn ħalla l-editur ta' qabilha, kif ukoll oħrajn li ħadmu biex Għawdex ikollu pubblikazzjoni mensili tiegħu. Importanti, tenna l-Isqof, li wieħed ma joħroġx saqajh barra mill-friex għax il-finanzi huma dejjem problema iżda bil-għaqal u bil-għajnuna ta' tant ħbieb, ir-rivista tista' tkompli toħroġ u tinfirex. Huwa ħeġġeġ biex iktar familji jabbonaw f'din ir-rivista mżewqa ta' kull xahar b'tant artikli varji u ta' interess.

Wara l-quddiesa, għadd sabiħ ta' kontributuri u benefatturi ltaqgħu ma' l-Isqof u s-saċerdoti waqt pranzu ta' l-okkażjoni f'wieħed mir-restoranti tagħna. Il-Kav. Joe M. Attard qara poeżija li kiteb għall-okkażjoni, kif l-istess għamel Frans Sultana minn Għajnsielem. Dun Anton Sultana fl-aħħarnett, *Managing Editor* tar-rivista, irringrazzja lil kulħadd tas-sehem li jagħtu matul is-sena kollha u talli kienu wkoll laqgħu dik l-istedina.



*L-istaff editorjali (ringiela quddiem) u saċerdoti oħra kollaboraturi tar-rivista (ringiela fuq wara) flimkien ma' Mons. Isqof wara l-konċelebrazzjoni.*



*It- "Team" ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" - bord editorjali, kontributuri, korrispondenti, distributuri u kollaboraturi oħra - f'ritratt ta' tifkira.*

# MESSAĠĠ TA' MONS ISQOF

***Ir-rivista djoċesana ta' kull xahar "Il-Ħajja f'Għawdex" din is-sena qegħda tiċċelebra s-sittin anniversarju mit-twelid tagħha. Kien f'Ġunju tal-1945 li d-djoċesi t'Għawdex bdiet tippubblika l-ġurnal tagħha, li fil-bidu kien joħroġ kull ħmistax. Bit-tħabrik tal-Patri Accursio Xerri tal-Franġiskani Minuri, u bil-barka tal-Isqof Ġużeppi Pace, din il-pubblikazzjoni rat it-twelid tagħha u bdiet tasal f'idejn il-qarrejja Maltin u Għawdxin, sittin sena ilu.***



*Matul dan iż-żmien il-perjodiku għadda minn ħafna tibdil u d-diffikultajiet ma naqsux minn żmien għal żmien; madanakollu wara li għaddew dawn is-snin kollha, għadu jaqdi l-funzjoni tiegħu, u l-ħtieġa għalih ma naqsitx anzi nistgħu ngħidu li kibret, u għadha tinħass sewwa.*

*Matul is-sittin sena ta' ħajja, il-ġurnal biddel ismu u minn "Għawdex" beda jissejjaħ "Il-Ħajja f'Għawdex". Mis-sitt paġni li kellu fil-bidu, tela għal 42. Biddel ukoll il-format tiegħu u minn għamla ta' ġurnal, ħa sura ta' perjodiku jew ta' rivista, bl-istampi ħafna drabi kkuluriti. Barra minn hekk, għola ħafna l-livell tiegħu kemm fil-kontenut, kif ukoll fil-preżentazzjoni.*

*Madanakollu l-ideali u l-għanijiet ewlenin li għalihom beda joħroġ dan il-perjodiku għadhom dawk l-istess li kienu hemm fl-1945. Dan jidher ċar minn xi espressjonijiet li nsibu fl-ewwel editorjal li ħareġ mill-pinna ta' Patri Akkursju ofm. "Ma rridux inħallu jintilef il-wirt imqaddes li ħallewlna ta' qabilna." Meħtieġ għalhekk, li ma nitilfux ħarsitna minn fuq l-imgħoddi, kemm biex jiġu evitati l-iżbalji li saru kif ukoll biex napprezzaw u ngħożżu dak kollu li hu tajjeb u jagħmlilna ġieħ, bħala Għawdxin, ulied din il-gżira.*

*"Biex inħarsu Dinna u Djarna – Pro aris et focis" – ikompli l-editorjal li semmejna – "beħsiebna nitqabdu sa l-aħħar u ninqdew b'kull arma meħtieġa, għar-rebħ fil-ħaqq u fis-sewwa." B'dawn il-kelmiet, l-ewwel editur P. Akkursju Xerri sawwar programm li fuqu kellu jimxi l-ġurnal, fil-futur tiegħu, jiġifieri li jagħmel ħiltu sabiex il-jeddijiet ta' Għawdex u tal-Għawdxin jiġu rikonoxxuti minn kulħadd u jkunu mħarsin kif jixraq.*

*Fl-aħħarnett, iżda mhux l-aħħar, il-ġurnal "Għawdex" kellu sa mill-bidu u jibqalu dejjem il-ħsieb u x-xewqa li "ningħaqdu mal-ġurnali kollha ta' rieda tajba biex inżommu bla mittiefes fil-gżejjer tagħna l-Ideal Nisrani." F'koperazzjoni mal-mass media l-oħra li huma ispirati mill-imħabba għal art twelidna u mit-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja, jeħtieġ li r-rivista "Il-Ħajja f'Għawdex" tibqa' sa l-aħħar issemma leħinha, favur ir-reliġjon għażiża tagħna u għall-ġid tal-poplu ta' gżiritna filwaqt li tagħmel dan bil-kuraġġ u b'insistenza.*

**+ Nikol Ġ. Cauchi**
**Isqof t'Għawdex**
*24 ta' Ġunju 2005*



# LEĦEN JGĦAJJAT GĦAL SITTIN SENA.



## Għadu rilevanti jew inħanaq jgħajjat għal xejn?

*Minn Franco Masini*




**Kull Għawdxi li bħali għalaq is-sittin sena u fuqhom, żgur li jiftakar dak il-ġurnal modest li kien iġib l-isem "Għawdex" li kien joħroġ jekk miniex sejjer żball kull ħmistax. Niftakru qisu l-bieraħ dik il-*masthead* bid-dgħajsa ta' Għawdex u t-tliet għoljiet u bil-motto miktuba ċara *"Pro Aris et Focis"*. Niftakar sewwa għaliex dak iż-żmien ma kontx għadni bdejt nitgħallem il-Latin u staqsejt lill-papà tiegħi xi jfissru dawk l-erba' kelmiet. Hu fissirli li kienu jgħidu bejn wieħed u ieħor "għall-artali u d-djar tagħna". Iktar 'il quddiem tgħallimt li din il-frażi bl-għeruq tagħha f'Ruma klassika kienet tirreferi għal dak kollu li hu għażiż, ir-reliġjon u l-kenn tad-dar.**

Avolja kont żgħir fl-età dawk is-simboli ta' għżiritna, id-dgħajsa u t-tliet għoljiet, kienu jqanqlu sentimenti patrijottiċi Għawdxin ġol-fond ta' qalbi. Kienu żminijiet meta l-Għawdxin bdew wara raqda twila jħossu t-tnemnim ta' patrijottiżmu li ried bilfors isib żvog. Kienu s-snin ta' wara l-gwerra meta la pajjiżna, u wisq inqas Għawdex tagħna, ma kellhom l-ebda rappreżentanza politika fl-organi li jmexxu 'l Malta fid-destin tagħha, għad li fl-aħħar snin tal-gwerra Malta kienet imwiegħda xi forma ta' Gvern rappreżentattiv. L-Għawdxin kienu għal żmien twil neqsin minn proġetti ta' żvilupp. Il-proġetti tal-ewwel Gvern rappreżentattiv tal-għoxrinijiet, u iktar tard meta sar il-port tal-Imġarr, kienu ġa minsija u kien hemm bżonn urġenti li Għawdex jibda jibbenefika mill-wegħdiet li kienu spiss isiru iżda ftit li xejn jitwettqu.

Fil-kamp ekkleżjastiku l-aħbar li wara 56 sena Għawdex reġa' kellu mill-ġdid Isqof Għawdxi, neputi tal-Isqof Pietru Pace li fl-1889 kien imsejjaħ biex irieġi d-djoċesi ta' Malta, imliet lill-Għawdxin bil-ferħ. Iżda kien ferħ imżewwaq bid-dwejjaq meta d-Djoċesi ta' Għawdex tilfet il-pożizzjoni indipendenti tagħha meta ġiet soġġetta għas-Sede Metropolita ta' Malta, li ġiet maħluqa hekk kif l-Isqof Mikiel Gonzi ġie appuntat l-ewwel Arċisqof Metropolita ta' Malta. Insomma kienu żminijiet imqanqla




Il-Ħajja f'Għawdex

BNIEDEM MEQJUM U MAĦBUB MILL-GĦAWDXIN KOLLHA

L-Arċipriet Mons. Alfonz M. Hili f'għeluq il-mitt sena minn twelidu

*Magħruf għall-karita' tiegħu, il-kelma tiegħu apprezzata minn kulħadd, il-kurunelli tiegħu rreċitati fil-knejjes kollha tal-gżira, magħżul b'elezzjoni mill-poplu għawdxi biex jirrapreżentah fis-Senat, l-Arċipriet Hili bla dubju kien jista' jissejjaħ: "Il-bniedem meqjum u maħbub mill-Għawdxin Kollha." Fid-19 ta' Jannar ta' din is-sena, ikunu għaddew mitt sena mit-twelid tiegħu. Xieraq għalhekk li tiġi mfakkra għal darb' oħra, il-persuna u l-ħidma nobbli tiegħu.*

Mons. A. Marija Hili, Arċipriet tal-Belt Vittorja 19 ta' Jannar, 1865 — 31 ta' Diċembru, 1943.

Għawdex imfakkar fil-bolli godda

għal Għawdex meta l-ġurnal li jġib isem gżiritna ħareġ għall-ewwel darba. Fil-fatt meta saret l-elezzjoni taħt il-*MacMichael Constitution*, Għawdex kellu l-Partit tiegħu u minn Għawdex telgħu ħames kandidati ta' partiti Għawdxin, tlieta tal-Partit Għawdxi u tnejn tal-Partit ta' Jones.

Ma nistgħax f'artiklu ċkejken ngħid l-istorja kollha ta' pubblikazzjoni li bdiet bl-isem "Għawdex" u llum bl-isem ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" qed tkompli taqdi l-vokazzjoni tal-leħen ta' gżiritna.

Iżda tajjeb li wieħed jiġbed xi konklużjonijiet u jawgura futur sabiħ lil dan il-*magazine*. Fid-dinja globalizzata tal-lum wieħed għandu raġun jistaqsi xi rwol għandha din il-pubblikazzjoni u x'relevanza jista' jkollha qalb ir-ruxxmata ta' pubblikazzjonijiet ileqqu u kkuluriti li joħorġu f'pajjiżna, Fl-opinjoni tiegħi dan il-*magazine* għandu rwol importanti u attwali llum.Għad li tista' tgħid il-ġurnali kollha għandhom paġna ddedikata għal Ghawdex, u l-aħbarijiet Għawdxin jidhru immedjatament fuq il-ġurnali li tista' tgħid kollha għandhom *stringer* f'Għawdex, hija "Il-Ħajja f'Għawdex" li hi totalment dedikata għal dak li jiġri fi gżiritna. Dan huwa fattur li jagħti importanza kbira lil din il-pubblikazzjoni, waqt li jgħabbiha wkoll b'responsabbiltà mhux żgħira.

Fl-opinjoni tiegħi s-soppravivenza ta' din il-pubblikazzjoni tiddependi biss fuq il-bażi tal-awtentiċità tal-messaġġ Għawdxi tagħha. Jekk il-*policy* editorjali titlef dik li hi ġenwinità Għawdxija tagħha, jekk tonqos sewwa r-rieda li twassal leħen Għawdex akkost ta' kollox, jekk minħabba biża' eżaġerat li tirfes xi kallu tibqa' lura milli titkellem, allura jkun ifisser illi l-agunija tal-*magazine* ma tkunx 'il bogħod. U nafu x'jiġri malajr wara l-agunija! Mill-banda l-oħra hemm bżonn ta' kuraġġ ġurnalistiku li dak li hu abjad kapaċi tgħidlu abjad u dak li hu iswed tgħidlu iswed. Għawdex hemm bżonn li jkun moqdi tajjeb f'kull kamp, partikolarment dak ġurnalistiku. Hemm bżonn li l-espressjoni ta' dak kollu li jbati minnu Għawdex, dak li Ghawdex għandu bżonn, il-ħtiġijiet ta' Għawdex, jiġu espressi f' "Il-Ħajja f'Għawdex". Hekk biss il-qarrejja, nies influwenti u l-opinjoni pubblika in ġenerali tirrispetta lil dan l-organu li hu denn li jġib l-isem ta' Għawdex. Ma naqgħux fin-nasba li għax il-*magazine* għandu xeħta u anke konnessjoni semi-uffiċjali mal-Knisja f'Għawdex nonqsu milli naffrontaw suġġetti li jistgħu forsi jkunu xi ftit kontraversjali. Il-qarrejja ħaqqhom ir-rispett kollu u ma jistgħux, u ma għandhomx, jiġu mċaħħda milli jaqraw u jiġu nfurmati fuq dawk is-suġġetti li Għawdex kollu jkun ilu żmien jitkellem u ġieli jgerger fuqhom.




Ma dħaltx fis-suġġett importanti tal-finanzjament tal-magazine, l-ewwelnett għax ma naf xejn fuqu u t-tieni nett għaliex mhux kompitu tiegħi nitkellem dwaru. Iżda ħaġa waħda hija ċara, dment li din il-pubblikazzjoni tkun tidher li hi l-vuċi awtentika ta' Għawdex hija tgawdi popolarità, tkabbar iċ-ċirkulazzjoni u konsegwentement jiżdiedu r-riklami. Barra minn hekk tibda tinteressa lil numru ferm ikbar ta' qarrejja, kemm f'Għawdex, f'Malta u kull fejn l-Għawdxin jinstabu.

Qabel nagħlaq irrid nagħti ġieħ lil min qed imexxi illum. Il-*magazine* għamel progress kbir u jinħtieġ illi jkompli jinbena fuq dan is-suċċess. L-awgurju tiegħi huwa li jkompli miexi 'l quddiem.






# FEHMET IL-QARREJJA

## Tibdil mixtieq fir-Rivista

*Rev. Editur,*

*Qed inwieġeb għall-appell tiegħek għall-kummenti fuq il-'Ħajja f'Għawdex'. U dan dejjem skond l-opinjoni personali u fqira tiegħi. U dan, wara li jien qarrej regolari tar-rivista u anke wara li rajt ħarġiet antiki ta' l-'Għawdex'.*

***1. Abbonamenti***

- *nies b'aktar ħeġġa li jiġbru l-abbonamenti u jżommu follow up.*
- *Tista' tinbiegħ ukoll fil-bookshops.*

***2. Preżentazzjoni***

- *Faċċata, ritratt wieħed kbir jidhirli li jkun aħjar.*
- *Ir-reklami jinġabru fil-backpage u fil-faċċati ta' wara l-qoxra.*
- *L-Atti tal-Kurja jkunu 'loose', separati mill-magazine u fuq karta riċiklata.*

***3. Kontenut***

- *Għalkemm ġie żmien li biex tagħmel ħoss u tbiegħ fil-qasam tal-media trid tkun sensazzjonali, il-'Ħajja f'Għawdex' għandha niċċa għaliha u suq partikolari.*
- *"Il-Ħajja fid-Djoċesi", u "Kronaka" jistgħu jiġu ppreżentati aħjar, forma ta' aħbarijiet bħal f'ġurnal jew magazine, u mhux lista ta' x'ġara.*
- *Il-paġna ta' "Ċikku l-Għawdxi", hemm ħafna suġġetti x'jiġu kkritikati b'ħafna manjieri aħjar: fosthom min qed jikteb għandu jivverifika sew qabel jikteb, u jikteb fuq ismu. Żmien il-ħolm (bħal tad-disco) għadda. Il-ġurnata ta' student u tal-ħaddiem tal-gvern, għalkemm għandhom mill-verità, tweġġa lil min hu ta' l-affari tiegħu meta min qed jikteb, jikteb taħt nom de plume u jiġġeneralizza. Suġġett bħad-divertiment taż-żgħażagħ f'ambjent perikoluż seta' ġie ppreżentat aħjar.*
- *L-artikli ta' Pawlu Mizzi fihom kitba tajba, però seta' semmiegħhom 'Rabtin' flok Għawdxin li għadna niftakru, f'sensiela ta' 25 bniedem ħafna minnhom mir-Rabat, "village characters", li liberament seta' ntagħżel xi ħadd min-Nadur, Xagħra, Għajnsielem li għamel ġieħ lil Għawdex.*
- *Inkoraġġiment iżjed lill-kittieba żgħażagħ bħas-sensiela 'Tieqa fuq l-Ambjent". Spazju aktar għal novelli ġodda, forsi anke xi konkors letterarju.*
- *Ċerti sensiliet bħall-"Biedja f'Għawdex" u "Għawdex 300 sena ilu", naħseb li twalu ħafna minn żewġ kittieba tajbin li jistgħu jagħtuna informazzjoni aktar varjata.*

*Ser ikolli nagħlaq hawn. Prosit għall-artikli spiritwali (wara kollox hu magazine reliġjuż), għall-Paġna tat-Tabib, ta' Mary Puli, u Suzanne Mulvaney. Kien l-interess tiegħi fir-rivista u x-xewqa li naraha aħjar li ġgħeluni nikteb. Xi tibdil propost minn din l-ittra jikkonfermali r-rieda tiegħek li timxu 'l quddiem. Grazzi ta' l-interess fl-opinjoni tal-qarrejja.*

***Carmel Cordina***
***(Għajnsielem)***



## *Prosit għal titjib kontinwu...Imma...*

***Rev. Editur,***

*Għadni ma rringrazzjatkomx formalment tal-prominenza li biha ġibtu l-artikolett tiegħi (ħarġa Awissu – Settembru 2004) biex nintroduċi din l-Assoċjazzjoni ta' l-NGO's għall-attenzjoni tal-qarrejja. Nixtieq issa nissuġġerixxi li toffrulna rubrika regolari biex fiha nuru l-firxa tal-ħidma fost l-NGO's Għawdxin (sportivi, kulturali, reliġjużi u filantropiċi).*

*Nieħu l-okkażjoni biex anki nifirħilkom għat-titjib kontinwu fil-preżentazzjoni u fil-kontenut ta' "leħen l-Għawdxin". Ippermettili kumment personali: nippreferixxi li l-ispazju ma 'jinħeliex' b'materjal li la hu strettament Għawdxi u lanqas ta' natura reliġjuża.*

*Inkompli (nirrepeti mhux f'isem xi organizzazzjoni) li ma tantx iddoqqli "Status Quo" għax ma jixraqx lil perjodiku bħal dan li jipprova jkun "oġġettiv" billi jikkwota gazzetti "miż-żewġ naħat", li naħseb naqblu ma għandhomx dak l-iskop! Kont naraha iktar utli ( u għaqli) tikkwotaw – u tikkummentaw – mill-informazzjoni li fl-aħħar bdiet tinġabar anki dwarna separatament mill-Uffiċċju ta' l-Istatistika. U bl-ikbar rispett għad-deċiżjonijiet editorjali, lanqas narah addattat is-sarkażmu!*

*Waqt li nerġa' nirringrazzjakom, nenfażizza li dawn il-kummenti huma biss ideat personali tiegħi (għalkemm smajthom minn oħrajn ukoll).*

***Antoine Vassallo***
***(Victoria)***

## *Kollha Interessanti!*

***Rev. Editur,***

*Nixtieq nifirħilkom ta' kemm hi mqassma sabiħ ir-rivista "Il-Ħajja f'Għawdex". Kollha interessanti. Bħalissa għandi quddiemi l-Għawdxin li niftakru ( ta' Pawlu Mizzi ) u jien anzjana u kollha niftakarhom. Jien xebba waħdi u tafx kemm iferrħuni. Jien inħoss li kull folja hija interessanti; l-artiklu ta' Dr. Mario Saliba wkoll. M'inhiex se noqgħod insemmiehom għax kollha tajbin, u jien ma nixbax inqalleb fiha; avolja diġà nkun qrajtha, nieħu pjaċir nerġa' naqraha. Grazzi.*

***M'Anġela Frendo***
***(Għarb)***







## *Imqassma tajjeb!*

***Rev. Editur***

*Jien il-"Ħajja f'Għawdex" togħġobni ħafna. Din id-darba rajt il-Papa fuq il-qoxra ta' barra, Papa twajjeb, umli, qaddis, għaref, tħares lejh jimliek bil-ferħ qaddis. Ir-rivista jkun fiha minn kull xorta ta' tagħrif, u tagħlim għal l-imġieba fil-ħajja u tagħlim għas-saħħa.*

*Veru li hi mqassma tajjeb. Ġesù dejjem magħkom.*

***M'Ann Gauci***
***(Għarb)***

## *Dehra sabiħa u kontenut sustanzjuż...*

*Rev. Editur,*

*Bil-permess ġentili tal-Madre tqanqalt biex naqsam miegħek dawn il-ħsibijiet: l-ewwelnett prosit tassew tad-dehra sabiħa u tal-kontenut sustanzjuż tar-rivista. Il-"Ħajja f'Għawdex" li kull xahar tferraħni b'aħbarijiet mid-djoċesi għażiża ta' tfuliti u żgħożiti...*

*Lil ħija Mario ngħidlu dejjem li jogħġbuni l-artikli tiegħu bit-tema ġenerali 'Int u saħħtek'. Imma llum qed niktiblek apposta għax irrid ngħidlek kemm jogħġbuni l-artikli tas-Sur Pawlu Mizzi fis-sensiela 'Għawdxin li għadna niftakru'. Jekk jogħġbok għid 'grazzi u prosit tassew' lil Pawlu Mizzi...*

*Nixtieq li nwassal l-awguri sinċieri tiegħi lir-rivista.*

***Tiegħek fil-Qalb ta' Ġesù.***
***Sr. Marie Carmel Saliba***
***(Klarissa Klawsura – San Ġiljan)***

# L-GĦANJA TAS-SITTIN

**VERSI RIFLESSIVI**



*Dun Anton stedinni nikteb*
*Xi ftit vrus tal-poeżija*
*Il-għaliex il-"Ħajja f'Għawdex"*
*Qabżet sewwa nofs il-mija.*

*Is-snin jgħaddu u jitgerrbu*
*U ma jistennew lil ħadd –*
*Sittin sena ilha magħna*
*Dir-rivista ta' kulħadd.*

*Il-familja kollha Għawdxija*
*Sa ssib żgur xi ħaga fiha*
*Li b'xi mod tista' tolqotha*
*Kif int daqqa t'għajn tagħtiha.*

*Bosta huma l-kontributuri*
*Illi jtuna artikli sbieħ*
*Qosra, twal, interessanti*
*Illi niesna tħobb qatigħ.*

*Ħafna jmorru jfittxu l-kronaka*
*U oħrajn l-editorjal*
*Li jtik x'tomgħod, x'tirrifletti*
*Għax taż-żmien dan hu s-sinjal!*



*In-novella, l-poeżija*
*Huma dejjem imfittxija;*
*It-tmiem ta' xi stejjer qosra*
*Jaqtgħu l-għatx tal-mistoqsija.*

*Anke l-"features" jinżlu tajjeb*
*Xejn inqas l-aħbarijiet;*
*Li kien wieħed jieqaf jaħseb*
*Dir-rivista kemm xogħol swiet!*

*Ir-rivista tħobb tinkludi*
*Xi rkejjen mill-istorja*
*Lenti anke fuq il-festi*
*Jew il-folklor tal-Vitorja!*

*Mill-pinna ta' l-Eċċellenza*
*Il-kitbiet żgur ma jonqsux –*
*Dawn il-polz tat-twemmin tagħna*
*Kif tistgħu dan ma tħossuhx!*

*Nawguralek, ja rivista*
*Ibqa' saltan f'dar l-Għawdxin*
*Lilhom seddaq, għallem, ferraħ,*
*Sakemm għad itulu s-snin.*

**Victoria** **Kav. Joe M. Attard**



# ĠUBLEW TAD-DJAMANTI ta' "Il-Ħajja f'Għawdex"

**VERSI RIFLESSIVI**



*Ħadd daqsi ma jiftakar, ħadd sew ma jaf*
*kemm dawn l-idejn, illum xjuħa u ħarxa,*
*bil-ħerqa twewk, mellsuk u rassuk saff, saff,*
*lesta għat-tluq ta' ħajja kemmxejn qarsa.*

*Gazzetta mwielda dritt, dritt wara l-gwerra,*
*b'logo, dgħajsa tal-latini, b'ġid mgħobbija,*
*donnha tridek iż-żmien ikrah f'baħar tferra'*
*biex lejn xefaq b'żernieq ġdid tibda torbija.*

*Dina seħħet b'nies ħawtiela, bla xejn jorqdu,*
*'l Għawdex Djamant itektku b'daqqiet fini*
*ta' pinen f'idejn ftit li jafu jirqmu,*
*sabiex xogħ'lhom idawruh fuq ir-rubini.*

*Ta' għaxar snin sirt nafek, kif dħalt f'ħajti,*
*bla ma qatt bsart f'Ġublew minn tad-Djamanti,*
*'mma llum kburi bis-sehem illi int tajtni*
*fit-tisħieħ tiegħek, hekk inkuraġġanti!*

*Kif noħlom jien, toħlom il-kotra għas-siegħa,*
*illi narawk tinfirex u tissaħħaħ,*
*f'kull dar u qalb Maltija u Għawdxija,*
*għeruq kitbietek tbaħbaħ u xxaħxaħ.*

*Hekk illum, kulmin għandu x'jaqsam miegħek,*
*jawguralek f'għeluq dawn is-Sittin tiegħek.*
***"AD MULTOS ANNOS"***



***Għajnsielem*** ***Francis Sultana***

# IT-22 TA' ĠUNJU

*Ieqaf Malta, ieqaf Għawdex,*
*erġgħu lura ftit fis-snin,*
*nieqes kwart se jdoqqu l-għaxra*
*u minn Ġunju tnejn u għoxrin.*

*Ħejju qalbkom, Għawdex, Malta,*
*erġgħu ġeddu ġo widnejkom*
*dak l-istess leħen li smajtu,*
*inżlu semmgħu għarkupptejkom.*

*Ħallu l-leħen jarġa' jidwi*
*tas-Sultana tas-smewwiet,*
*u stħajluh qed jerġa' jġedded*
*f'dik il-ħemda, f'dak is-skiet.*

*Ixxurtjati Malta w Għawdex,*
*messet lilkom konġettura,*
*għax mid-dinja lilom għażlet*
*illi tkellem dis-Sinjura.*



*Għawdex, Malta x'jista' għalikom,*
*hawn xi ħaġa żżomkom donnha,*
*intom għżejjer qatt mirbuħa,*
*intom għżejjer tal-Madonna.*

*Thennen Għawdex, tlebbet Malta*
*taħt il-mant ta' dis-Sultana,*
*leħen jidwi O Madonna,*
*ibqa' f'qalbna, ibqa' magħna.*

*Minn ġor-raba' jfuħ Ta' Pinu*
*qatt ma tiġi bħal ma tmur,*
*nerdgħu l-għasel daqs in-naħla*
*meta tibda ddur mal-fjur.*

*Ieqaf Malta, ieqaf Għawdex,*
*għax minn Ġunju tnejn w għoxrin,*
*dan il-jum l-egħżeż tifkira*
*għall-Maltin u għall-Għawdxin.*

***Mary Meylak***

# L-Ewwel Editorjal ta' Patri Akkursju Xerri, O.F.M

**Xieraq illum niftakru ftit x'kien il-ħsieb tat-twaqqif ta' ġurnal Għawdxi sittin sena ilu. Dan nistgħu nkunu nafuh mill-ħsieb li esprima l-ewwel editur, fl-Ewwel Editorjal fl-10 ta' Ġunju 1945.**



*Għawdex, diċ-ċkejkna art twelidna, għalkemm isimha jiddi fi ktieb il-ġrajjiet għad-dehen u għall-qlubija ta' wliedha, imxerrdin ma' kullimkien, mix-xtajtiet ta' l-Afrika sal-bliet ta' l-Amerika, sa l-oqsma tal-kannamieli fl-Awstralja, mhix ħlief tikka fuq il-mappa tal-ġeografija.*

*Imma dik it-tikka timla l-qalb ta' kull Għawdxi u jmur fejn imur jitħallat ma' liema nies jitħallat qatt ma jinfatam minnha.*

*Mitlufa fil-baħar tan-nofs, maħbuta f'kull żmien minn kull xorta ta' għedewwa tifrex id-dell tagħha kull fejn jirfsu wliedha li dejjem ħassew ruħhom kburin bin-nisel tagħhom.*

*Il-ġieħ tal-ġens Għawdxi ma kasbru ħadd fl-imgħoddi u għalkemm forsi f'dawn l-aħħar mitt sena d-dgħajjes tal-latini l-ebda tlellix ta' progress ma' ħattew fuq ix-xtut tagħna, bil-moħriet u bl-imqadef biex ma ngħidx ukoll bil-pinna, bqajna nżommu 'l fuq ġieħ missirijietna, billi żammejna sħiħa fostna ċ-ċiviltà ta' Kristu li 20 seklu ilu Missierna San Pawl bena fuq l-irdumijiet tal-Ġgantija u fuq il-ħerba ta' imqades qarrieqa ta' Ruma u Atene.*

*U illum aktar mill-bieraħ, quddiem din it-tħabbila ta' ġnus u ġrajjiet, ma rridux inħallu jintilef il-wirt imqaddes li ħallewna ta' qabilna.*

*Biex inħarsu Dinna u Djarna – Pro aris et focis – beħsiebna nitqabdu sa l-aħħar, u ninqdew b'kull arma meħtieġa għar-rebħ fil-ħaqq u fis-sewwa.*

*L-ebda riefnu ta' qerq ma nħallu jqaċċat is-Saltna ta' Kristu minn fostna.*

*Lil ebda flien ma nħallu jirfes il-jeddijiet tagħna. Ukoll iż-żgħir, iċ-ċkejken għandu jkollu kull jedd għall-ħajja; u jekk fl-imgħoddi ġejna għal kollox minsija, jeħtieġ allura nqumu biex nitqabdu għall-jeddijiet tal-ħaddiema tagħna, tal-baħrin tagħna, tas-sajjieda tagħna, tal-bdiewa tagħna.*

*Ħadd ma jindokra daru ħlief is-sid, u għalhekk ma nistennewx il-barrani, biex jindaħal għall-fidwa xierqa.*

*Aħna sa fl-aħħar intbaħna, għalkemm domna ma ntbaħna li l-aqwa arma li biha nistgħu nolqtu l-għadu qabel ma jolqot hu l-għeruq ta' ħajjitna, hija l-istampa.*

*Missirijietna bnew knejjes kbar, ġmiel ta' arti u għelma ħajja tal-Fidi li kebset lil qalbhom. Imma llum, kif darba kiteb it-twajjeb u għaref Kardinal Mercier, jiswa aktar li toħroġ ġurnal milli tibni l-isbaħ tempju tad-dinja, għaliex l-istampa hija l-aqwa għodda ta' appostolat reliġjuż soċjali. Is-setgħa ta' l-istampa hija tant kbira li kif jgħidilna l-kbir soċjologu Mons. Ketteler li kieku l-Appostlu tal-ġnus kellu jerġa' jiġi fid-dinja, minflok li jterraq bla mistrieħ minn art għall-oħra kien jieqaf quddiem mejda u jaqbad il-pinna tal-ġurnalista, biex jaħsad mill-għeruq kull nibbieta ta' qerq u ħażen.*

*Wieħed Lhudi mażun darba stqarr f'waħda mill-Loġoġ ta' Pariġi: "Id-deheb mhu xejn, il-popolarità m'hi xejn, l-istampa hija kollox. Jekk, intom tkunu s-sidien tal-ġurnali, intom tkunu wkoll is-sidien ta' l-opinjoni pubblika, jiġifieri tad-dinja". U dan huwa minnu għaliex il-ġurnal jidħol kullimkien, fid-djar, fil-ħwienet, fil-clubs, eċċ... il-ġurnal issibu dejjem miegħek.*

*Toħorġu mill-but; daqqa t'għajn u ħsiebek jixgħel u qalbek tiċċaqlaq, u m'intix iżjed int li taħseb imma l-ġurnal jibda jaħseb għalik.*

*Mela, biex ma ntawlux, il-ħtieġa ta' ġurnal jew perjodiku, ukoll ta' żewġ paġni, għandha tinħass.*

*Mela dan il-perjodiku "Għawdex", m'għandux ma jiġix milqugħ b'simpatija mill-Għawdxin kollha li għandhom għal qalbhom il-ħarsien tad-drawwiet l-iżjed qaddisa ta' art twelidhom.*

*Il-barka – tislima tal-maħbub Isqof tagħna, l-Eċċellenza tiegħu Mons. Pace fissret il-għan tal-ġurnal ġdid. Bil-ħarġa ta' dan il-ġurnal aħna nibnu rridu u mhux inħottu; inżidu fit-tixrid ta' l-istampa t-tajba u mhux innaqqsu.*

*F'Malta l-ġurnali żdiedu. F'Għawdex il-perjodiċi li kien hemm spiċċaw. Spiċċaw meta forsi qatt daqs illum ma kienet tinħass il-ħtieġa tagħhom.*

*Mela ningħaqdu mal-ġurnali kollha ta' rieda tajba biex inżommu bla mittiefes fil-gżejjer tagħna l-Idejal Nisrani...*

# Min kienu l-Edituri matul is-Sittin Sena

*Tagħrif miġbur minn Mons. Dr. Joseph Bezzina*



## *Patri Akkursju Xerri (1945 – 1962)*

L-ewwel editur u fundatur tal-ġurnal djoċesan Għawdxi kien il-W.R.P. Akkursju Xerri ofm. Mikiel Xerri twieled ir-Rabat nhar is-16 ta' Ġunju 1915. Ordna saċerdot fl-Ordni Franġiskan Minuri fit-3 ta' Ġunju 1939, u ħa l-isem ta' Patri Akkursju. Kompla l-istudji tiegħu f'Milan. Fl-1949, waqqaf il-Kulleġġ ta' Sant' Antnin fl-Imġarr. Okkupa wkoll ħafna karigi importanti fl-Ordni Franġiskan f'Malta u anke barra. Mal-ħatra ta' Monsinjur Ġużeppi Pace bħala Isqof ta' Għawdex, Patri Akkursju sar wieħed mill-konsulturi tiegħu.

Patri Akkursju kellu sa minn żgħożitu ġibda kbira lejn il-ġurnaliżmu u dan jidher mill-fatt li mhux biss beda u waqqaf il-gazzetta "Għawdex", iżda wkoll dam għal kważi għoxrin sena editur tagħha. Nafu li d-diffikultajiet fil-pubblikazzjonijiet qatt ma jonqsu, iżda sakemm kien jiddependi minnu dejjem rebaħhom.

Meta ma setax jirbaħ id-diffikultajiet marbuta ma' l-istampar, ikkonvinċa lill-Isqof iwaqqaf stamperija djoċesana, l-*Orphans' Press*, illum il-*Gozo Press*. Għandi fidi li kieku ma kienx hu dan qatt ma kien iseħħ.

Il-pinna ħafifa tiegħu tidher f'artiklu wara l-ieħor fil-*Għawdex*, li minħabba l-ħatra tiegħu bħala provinċjal kellu jħalli fil-bidu ta' l-1962. Patri Akkursju miet qasir il-għomor nhar l-14 ta' Diċembru 1968.

## *Is-Sinjura Edmea Tabone (1962-1964)*



Edmea Tabone twieldet l-Imsida fit-23 ta' Jannar 1916, u ġiet toqgħod Għawdex ma' missierha li kien maġistrat fl-1930. Fl-1936 iżżewġet lil Alexander Tabone mir-Rabat. Għamlet xi snin għalliema fl-Iskola Primarja; iżda wara li żżewġet iddedikat ruħha għall-Għaqdiet Kattoliċi. Mill-1950 kienet attiva fil-*Legion of Mary* u kienet strumentali għall-ftuħ ta' l-ewwel Ċentru ta' Kana f'Għawdex fl-1965. Mexxiet għal diversi snin programm *Minn Għawdex għan-Nisa* minn fuq ix-Xandir. Mietet nhat is-6 ta' Jannar 1982.

Edmea ntagħżlet editur ta' l-*Għawdex* fl-1962. L-għażla tagħha kienet deċiża mhux biss minħabba l-ħidma tagħha fi ħdan il-Knisja, iżda wkoll minħabba ħidma li wettqet b'risq il-ġurnal fis-snin ta' qabel. Okkupat il-kariga sal-bidu ta' l-1964.



## *Dun Nikol Cauchi (1964-1967)*

Dun Nikol twieled l-Għarb nhar it-2 ta' Marzu 1929. Kien ordnat saċerdot fid-29 ta' Marzu 1952. Studja Ruma u lura f' Għawdex għallem fis-Seminarju u kien ukoll kappillan tal-Fontana. Għen fit-twaqqif tal-MAS f'Għawdex u kien strumentali fil-ftuħ tal-Moviment ta' Kana. Intgħażel Isqof fit-2 ta' Marzu 1967; kien ikkonsagrat fid-9 ta' April; u ntgħażel Isqof ta' Għawdex fl-20 ta' Lulju 1972.

Fi żminijiet l-iktar diffiċli għall-'*Għawdex*', meta kien hemm il-ħsieb li l-ġurnal jiġi mwaqqaf għal kollox, l-Isqof Pace fada f'idejn Dun Nikol it-tmexxija tal-gazzetta. Għamel kważi l-impossibbli. Fil-15 ta' Jannar 1965, il-gazzetta ħarġet b'libsa ġdida u bl-isem miżjud: *Il-Ħajja f'Għawdex*.

U biex jagħmluha dejjem aktar popolari, il-ħarġa Lulju-Awissu 1966 ħarġet għall-ewwel darba f'forma ta' rivista kif għadha sal-lum. Spiċċa minn editur mal-ħatra tiegħu bħala Amministratur Appostoliku għal Għawdex.



## *Dun Salv Muscat (1967-1969)*

Dun Salv twieled in-Nadur nhar id-19 ta' Awissu 1941. Kien ordnat saċerdot fit-30 t'April 1966. Mal-ħatra ta' Dun Nikol bħala Amministratur Appostoliku, Dun Salv intgħażel Segretarju tal-Kummissjoni tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali u editur tal- '*Ħajja f'Għawdex*', kariga li okkupa sa Diċembru 1969. Dun Salv inħatar Arċipriet tan-Nadur fis-27 ta' Novembru 1982, kariga li għadu jokkupa sal-ġurnata ta' llum.

## *Dun Anton Dimech (1970-2002)*



Dun Anton twieled iż-Żebbuġ nhar it-12 ta' Ġunju 1940. Kien ordnat saċerdot fil-5 ta' April 1964. Għal bosta snin kien għalliem fis-Seminarju Minuri u Maġġuri. Inħatar editur tar-rivista djoċesana mill-Isqof Cauchi f'Jannar tal-1970.

Tul iż-żmien li serva bħala editur tar-rivista, sar titjib u tibdil kbir kemm f'dak li hu kontenut kif ukoll grafika. Dun Anton għamel mir-rivista djoċesana sors ta' komunikazzjoni ċara u oġġettiva f'dak kollu li jolqot lill-Knisja kemm lokali kif ukoll universali, kif ukoll dak kollu li jolqot lill-gżira tagħna t'Għawdex.

Kien l-aktar editur li dam f'din il-kariga, 32 sena sħaħ, sa Ottubru ta' l-2002.



## *Dun Ruben Micallef (2002 - )*

Dun Ruben Micallef minn ta' Kerċem Għawdex, twieled nhar il-21 ta' Mejju tal-1975, ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Cauchi nhar it-23 ta' Ġunju 2000 u fis-sentejn ta' wara kien fuq studju fil-kamp tal-Liturġija fl-Università ta' Sant'Anselmu f'Ruma. Fl-istess żmien kien ukoll kollaboratur pastorali fil-parroċċa tan-Nativitá ġewwa Ruma. Attwalment huwa wkoll il-vigarju parrokkjali fil-parroċċa tal-Katidral. Inħatar editur ta' *Il-Ħajja f'Għawdex* f'Novembru 2002 u għadu jmexxi r-rivista djoċesana sal-lum.

# L-ISTAMPA KATTOLIKA BAQA' BŻONNHA?

## L-Isqof Nikol Ġ Cauchi dwar il-Ġurnal Kattoliku.




## X' qal il-Papa Pawlu VI

Il-ġurnal jixbaħ lil surmast tal-iskola. Bid-differenza li:

♦ s-surmast jitkellem ma' ftit nies u għal ftit tal-ħin, iżda l-ġurnal jitkellem ma' bosta u għal hafna tul ta' żmien.

♦ is-surmast jitkellem mat-tfal, iżda l-ġurnal jitkellem ma' kulħadd.

*Mill-ktieb "Scritti e discorsi"*
*Cantagalli. Siena Vol 4 p. 162.*


GĦAWDEX
+PRO ARIS ET FOCIS+

L-EWWEL ANNIVERSARJU TAL-ELEZZJONI TAL-QDUSIJA TIEGĦU L-PAPA PAWLU VI

tal-W.R.P. Provincjal Lett. Accursio Xerri, O.F.M., P.E.P.

40 SENA ISQOF

### Id-dmirijiet tal-Kattoliċi

1. Hija indispensabbli f'kull wieħed minna kuxjenza tal-ħtieġa u l-qawwa tal-istampa t-tajba... Jeħtieġ li l-kleru u l-fidili jħossu li s-servizz li jagħtu għall-kawża ta' l-istampa t-tajba u t-tixrid tagħha huwa wieħed mid-dmirijiet tagħhom l-iktar urġenti...

2. Huwa dover tagħna li nsegwu u naqraw l-istampa t-tajba. Fi żminijietna, meta kważi kulħadd jaf jaqra, il-qari tajjeb għandu jkun għalina:

♦ mhux biss mezz ta' rikreazzjoni għall-ħin liberu
♦ imma wkoll għajn ta' istruzzjoni (i.e. ta' tagħlim)
♦ u mezz li bih insaħħu l-fidi tagħna u l-fehmiet tagħna għall-ħajja aħjar.

Għalhekk intennu x-xewqa li naraw f'kull familja kattolika l-Ġurnal Kattoliku, jew għall-inqas ta' ispirazzjoni nisranija.

Kulħadd, min ftit u min wisq, jista' joffri għajnuna finanzjarja biex juri li jappoġġa tabilħaqq l-istampa t-tajba.

B'mod partikolari nixtiequ nirrikkmandaw għall-ġenerożità tagħkom il-perjodiku ppubblikat fid-Djoċesi tagħna, "Il-Ħajja f'Għawdex".

*Mons Isqof Nikol Ġ Cauchi*
*Ċirkulari tat-12 ta' Diċembru, 1967*
*Il-Kelma tar-Ragħaj Vol I, pp. 212-214.*

## Kelma lill-Ġurnalisti u lix-Xandara

Il-ġurnalisti u x-xandara hemm bżonn iżommu quddiem għajnejhom li mhux kollox jgħodd jew jgħaddi. Ma jistax ikun per eżempju, li f'isem il-pluraliżmu nifthu l-bibien għas-sensazzjonaliżmu perikoluż, jew għal-logħob bl-emozzjonijiet tal-poplu.

Il-ġurnalisti u x-xandara jridu jifhmu wkoll, li biex il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali jintużaw tajjeb, jeħtieġ li dawk li jużawhom ikunu jafu sewwa l-prinċipji ta' l-ordni morali u jħarsuhom bil-fedeltà kollha.

Lill-ġurnalisti u lix-xandara li jfittxu l-progress veru tal-bniedem, il-Knisja trid tqawwilhom qalbhom. Trid tagħmlilhom kuraġġ. Trid tgħinhom jirbħu t-tfixkil li jiltaqgħu miegħu, fosthom il-mewġ qawwi tas-Sekulariżmu, tal-Konsumiżmu, u tal-Materjaliżmu.

*Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca*
*"Minn Fomm ir-Ragħaj 1990-1992", p. 90.*

**Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.**

## *"Għidli x'taqra u ngħidlek x'int"*
## *Novella ta' Leo Tolstoy*

Leo Tolstoy, kittieb Russu ta' fama mondjali, fost in-novelli tiegħu għandu waħda li fiha tassew x'togħmod.

Hu jirrakkonta li darba waħda, f'raħal f'pajjiżu, xterdet marda mill-aktar tal-biża' u, fl-istess ħin, tassew misterjuża. Il-marda ġiet imsejħa 'marda tal-istramberiji'. Fost il-morda kien hemm minn dawk li bdew iqumu filgħodu, jaqbdu ż-żraben tagħhom u jitfgħuhom mit-tieqa għal kull min jinzerta għaddej mill-qrib ta' djarhom. Oħrajn bdew jisbħu bil-ħsieb li jagħmlu kull tentattiv biex jimxu rashom 'l isfel u saqajhom 'il fuq.

Dan ġiegħel lit-tobba li jaqbdu wieħed mill-vittmi ta' dil-marda u wara mewtu, jagħmlulu l-awtopsja. Mill-awtopsja rriżulta li l-mejjet ma kellu xejn anormali: qalb, pulmun, kliewi, kollox kien jaħdem tajjeb. Sa fl-aħħar, però, iddeċidew li jeżaminawlu rasu u sabulu moħħu mimli bċejjeċ ta' gazzetti.

It-tagħlima li trid twassal din in-novella hi faċli biex tifhiehem: in-nies ma jaħsbux b'rashom iżda skond dak li jaqraw.





## *L-Appostlu tal-Mass Media*

Il-Beatu Don Giacomo Alberione, fundatur tas-*Società San Paolo* (fl-Italja) li għandha bħala appostolat ewlieni tagħha l-evanġelizzazzjoni permezz tal-*Mass Media.*

Dawn huma uħud mill-kliem tiegħu:

"Kontra l-ħażen, nużaw l-armi tat-tajjeb. Nikkumbattu lid-dinja bl-istess mezzi tad-dinja, iżda b'mezzi tajbin."

"Inwasslu l-Vanġelu lill-bniedem ta' llum bil-mezzi ta' llum."

Mons. Kettler, Isqof minn Svizzera, kien jgħid li kieku San Pawl kellu jerġa' jiġi fid-dinja, kien jagħmilha ta' ġurnalist.

"L-appostlu tal-ġnus kien juża l-ogħla pulpti biex isemma leħnu u jimmultiplika l-kelma tiegħu bl-aqwa mezzi li l-progress ta' llum joffri: ġurnali, ċinema, radju u TV."

***Vita Pastorale, Mejju 1984***

***Don Alberione: "Il-Pulpti tas-seklu elfejn huma l-ġurnali."***

***'Jesus', Lulju 1987***

*"L-appostolat tal-kelma miktuba hi l-opra l-aktar appostolika u l-aħjar tweġiba għall-bżonn urġenti ta' llum."*

KTIEB X'TAQRA

# X'MERAVILJA TA' MIRAKLI EWKARISTIĊI!

**Joan Carroll Cruz: "Mirakli Ewkaristiċi", traduzzjoni ta' Dun Ġorġ Mercieca; Lumen Christi Publications, 2005; Gozo Press; pp.xvii + 278; Lm3.50ċ**




Fl-okkażjoni tas-Sena Ewkaristika li tiġi fi tmiemha f'Ottubru li ġej, il-*Lumen Christi Media Centre* tar-Rabat Għawdex, għadha kemm ippubblikat il-ktieb "Mirakli Ewkaristiċi u Fenomeni Ewkaristiċi fil-Ħajjiet tal-Qaddisin" maqlub fi lsienna mill-Ingliż minn Dun Ġorġ Mercieca mix-Xewkija. Dan il-ktieb huwa xogħol Joan Carroll Cruz, omm ta' ħames ulied minn New Orleans, li taf il-formazzjoni edukattiva tagħha lis-sorijiet ta' Notre Dame li lilhom iddedikat dan ix-xogħol.

Naqraw li f'ħafna okkażjonijiet fl-istorja tal-Knisja, Alla ppermetta li jsiru mirakli biex isaħħaħ it-tagħlim kattoliku li jsostni illi mal-kelmiet tal-Konsagrazzjoni fil-quddiesa,il-ħobż u l-inbid fuq l-artal jinbidlu verament fil-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-ktieb jiddeskrivi sitta u tletin Miraklu Ewkaristiku fl-istorja tal-Knisja. Carroll tirrakkonta fatti dokumentati dwar Ostji Kkonsagrati li nbidlu f'laħam uman; Ostji li minnhom qattar id-demm uman, Ostji li bbiesu daqs iż-żnied meta rċiviethom xi persuna fid-dnub il-mejjet; Ostji li ntrefgħu sospiżi fl-arja; Ostji li fihom dehret il-Preżenza Divina moħbija fl-ispeċi b'dawl misterjuż; inbid ikkonsagrat li sar viżibilment demm, kif ukoll ħafna mirakli oħra li ġraw wara li sar xi sagrileġġ kontra l-Ewkaristija Mqaddsa. Ir-rakkonti li nsibu f'dan il-ktieb jinfirxu fuq perjodu twil fl-istorja. L-ewwel miraklu huwa dak ta' Lanciano fl-Italja fis-seklu 8, waqt li l-aħħar wieħed huwa dak ta' Stich fil-Bavaria fl-1970. L-awtriċi tagħti dettalji ta' l-investigazzjonijiet uffiċjali li saru dwar dawn l-għeġubijiet, u f'ħafna każi tgħidilna fejn l-Ostji Kkonsagrati jew id-demm li deher f'dawn il-mirakli għadna nistgħu narawhom meqjuma anke llum, f'diversi santwarji mxerrdin mad-dinja.

Kif tistqarr Joan Carroll Cruz fid-daħla li għamlet għal dan il-ktieb tagħha, l-ikbar teżor fil-Knisja Kattolika hu bla dubju ta' xejn l-Ewkaristija Mqaddsa, fejn Ġesù Kristu jumilja ruħu u jassumi d-dehra tal-ħobż. Sew jekk insibuh f'kappella sempliċi jew f'bażilka grandjuża, l-Ewkaristija hija l-prova ta' kemm il-Mulej tagħna Ġesù ma jridx li jkun mifrud minn uliedu.

Dawn uliedu mhux dejjem japprezzaw din il-preżenza u ħafna jabbużaw jirċievuh indenjament; oħrajn jiddubitaw il-Preżenza Rejali ta' Alla fl-Ostja Mqaddsa, jew iħarsu lejn is-Sagrament b'indifferenza. Għal raġunijiet bħal dawn, is-Salvatur Divin jippermetti mirakli ewkaristiċi biex jagħti prova tal-preżenza tiegħu f'dan is-sagrament.

Il-Beatu Ġorġ Preca kien jistħajjel lil Kristu jgħid: "Ir-ruħ li tħobbni u li għandha l-għatx tiegħi tiġi tfittixni fis-Sagrament ta' l-artal fejn hija, b'fidi ferma u ħajja, toqgħod mistrieħa bħal ħabib maġenb il-ħabib tal-qalb u tinfetaħ miegħu b'atti ta' mħabba u ta' ringrazzjament".

Jiena nittama li wara li wieħed ikun irrifletta fuq dak li jkun iltaqa' miegħu fil-paġni ta' dan il-ktieb, iħoss fih qima iktar profonda lejn l-Ewkaristija u jpatti mill-aħjar li jista' għall-abbużi lejn din il-Preżenza Divina li ġiet mogħtija lilna minn Mulej u Salvatur li qatt ma ried li jkun mifrud minna.

Ta' min iżid jgħid li, dejjem fl-okkażżjoni tas-Sena ta' l-Ewkaristija, il-"*Lumen Christi Publications*" qed tippubblika żewġ kotba oħra: "Is-Sena ta' l-Ewkaristija – Erba' Dokumenti Pontifiċji", u Edizzjoni Ġdida u Riveduta ta' "Żjajjar lil Ġesù Sagramentat" ta' Mons Isqof Nikol Cauchi. Dan ta' l-aħħar huwa ktejjeb utli ħafna għall-adorazzjoni, filwaqt li ta' qablu, nistgħu nqisuh bħala l-aħħar testment spiritwali u pastorali tal-Papa li ħalliena, Ġwanni Pawlu II. Dan il-ktieb inqaleb f'ilsienna minn Mons Salv Borg.

Fil-mument, dawn it-tliet pubblikazzjonijiet jistgħu jinkisbu flimkien mil-"*Lumen Christi Bookshop*" Victoria, bi prezz speċjali ta' Lm8.

**Kav Joe M. Attard**

**John Portelli Enterprises Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

Arkivju Nazzjonali Għawdex

# Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 136

Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2005

# "Aħsbu fil-Għawdxin"- Perellos

Id-dokument numru mija u sitta u tletin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu riproduzzjoni ta' ittra li l-Gran mastru Ramon Perellos indirizza lill-Università ta' Għawdex. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudissi,* il-gvern reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530-1798), manetta (1704-1705), folju 46r (*NAG, UG, Acta*, 9/1704-1705, f. 46r).

Din hi t-traskrizzjoni tad-dokument:

**Magister Hospitalis**
**Et Sancti sepulchri Hierosolymitani**
**Magnifici Fideles nobis Dilecti, Salve.**
**L'espressione affettuose colle quali ci ringraziate nella vostra dei 20 del cadente per la grazia impartitavi toccante le cento cinquanta salme formento, hanno incontrato il nostro gradimento, e ci fanno insieme sperare che si come noi lasciamo di nodrire una particolar propensione verso cotesti popoli, non cessarte voi di applicare tutta l'attentione che bisogna per il loro sollievo. Altro non essendo il motivo di questa, preghiamo il Signore che vi conservi.**

**Malta, 26 Marzo 1705**
**Perellos**

Nhar il-20 ta' Marzu, 1705, il-ġurati ta' Għawdex indirizzaw ittra lill-Granmastru Ramon Perellos. Kienet ittra ta' radd il-ħajr lill-Granmastru talli kien laqa' t-talba tagħhom fi żmien ta' ħtieġa.

Jidher li matul ix-xitwa ta' tliet mit sena ilu, il-qamħ Għawdex kien naqas sewwa. Kien hemm il-biża' li minħabba din l-iskarsezza n-nies lanqas kien sejjer ikollhom biex jagħmlu l-ħobż. Il-ġurati għalhekk esprimew dan il-biża' tagħhom lill-Granmastru u talbuh li jgħinhom mill-aħjar li jista' ħalli l-Għawdxin ma jbatux il-ġuħ.

Il-Granmastru Ramon Perellos, Aragoniż, elett nhar is-7 ta' Frar, 1697, laqa' t-talba tagħhom. Fehem li l-Għawdxin kienu fi ħtieġa kbira u ordna li jintbagħtulhom 150 salma qamħ, ħalli l-Għawdxin setgħu jinqdew. 150 salma jew modd kienet kwantità konsiderevoli. Modd fih 16-il tomna, u tomna fiha 10 sigħan.

Il-ġurati ta' l-Università ħadu r-ruħ u nhar il-20 ta' Marzu, 1705, bagħtu ittra mill-isbaħ lill-Granmastru biex iroddulu ħajr tal-benevolenza tiegħu u juru s-sodisfazzjon kbir tagħhom u tal-poplu Għawdxi għal din il-għotja.

Il-Granmastru stqarrilhom li hu qatt ma naqas li juri attenzjoni partikulari lill-poplu Għawdxi. Fatt dan li jixhduh in-numru konsiderevoli ta' xogħlijiet pubbliċi li saru Għawdex fi żmienu. L-iktar magħrufa hi l-barrakka li bena x-Xatt ta' Għawdex għall-kenn tal-passiġġieri li jkunu jistennew sa ma jidħlu d-dgħajjes tal-pass. Kienet intlaqtet minn bomba fit-tieni gwerra dinjija u llum hemm flokha l-*bar Gleneagles*.

Il-Granmastru stieden lill-ġurati biex kif qatt ma naqas li jieħu ħsieb il-Għawdxin, hekk huma kellhom jagħmlu mill-aħjar li jistgħu ħalli qatt ma jonqsu li jkunu ta' għajnuna għalihom.


Mag.r Hosp.lis
et S.ti Sepulchri Hier.em
46
Mag.ci Fideles nobis Dilecti. Salve. L'espressioni affettuose colle quali ci ringratiate nella vostra dei 20 del cadente per la gratia impartitavi toccante le cento cinquanta salme formento, hanno incontrato il nostro gradimento, e ci fanno insieme sperare che si come noi non lasciamo di nodrire una particolar propensione verso cotesti popoli, non cessarete voi di applicare tutta l'attentione che bisogna per il loro sollievo. Altro non essendo il motivo di questa, preghiamo il Sig.r che vi conservi.
Malta 26 Marzo 1705
Perellos



# IL-MISTERU TA' L-EWKARISTIJA

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IT-TIENI PARTI)*

## *L-istituzzjoni ta' l-Ewkaristija*

**Fl-aħħarnett fl-aħħar ikla tiegħu, Ġesù wettaq il-wegħda li kien għamel u tana Ġismu u Demmu. San Mattew, San Mark, San Luqa u San Pawl jagħtuna l-istorja ta' kif Kristu waqqaf l-Ewkaristija, dan is-sagrament u sagrifiċċju tal-Liġi l-Ġdida. San Ġwann jgħarrafna bil-wegħda ta' l-Ewkaristija li għamel Kristu lid-dixxipli tiegħu u jirrakkonta fit-tul dak li ġara fl-aħħar ċena, imma ma jsemmix kif Kristu waqqaf l-Ewkaristija. Ir-raġuni tista' tkun li, peress li San Ġwann kiteb l-evanġelju wara s-sinottiċi, ma riedx jerġa' jirrepeti dak li qalu huma.**

San Mattew u San Mark jirrakkontaw li kif Ġesù u l-appostli kienu jieklu flimkien l-ikla tal-Għid, Ġesù ħa l-ħobż, qasmu, tah lill-appostli u qalilhom, "Ħudu u kulu, dan hu Ġismi." Imbagħad ħa t-tazza ta' l-inbid, radd il-ħajr, taha lill-appostli u qalilhom: "Ixorbu dan, għax dan hu Demmi tal-patt. Hu mxerred għal ħafna, għall-maħfra tad-dnubiet".

San Luqa u San Pawl iqiegħdu fi tmiem iċ-ċena il-konsagrazzjoni tad-demm, u fit-testi tagħhom biss jinsabu l-kelmiet importanti li qal Kristu lill-appostli tiegħu: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi".

Naraw il-kliem li nsibu fit-testi bibliċi:

• Mt. 26, 26 –29: "Huma u jieklu, Ġesù ħa l-ħobz f'idejh, qal il-barka, qasmu, newlu lid-dixxipli u qal: 'Ħudu u kulu, dan hu ġismi.' Mbagħad ħa l-kalċi f'idejh, radd il-ħajr, newlilhom il-kalċi u qal: 'Ixorbu lkoll minnu, għax dan huwa Demmi, id-demm tal-patt li jixxerred għall-kotra, għall-maħfra tad-dnubiet".

• Mk. 14, 22-25: "Huma u jieklu, ħa l-ħobż f'idejh u qal il-barka, qasmu, newwilulhom u qal: " 'Ħudu dan hu ġismi.' Mbagħad ħa l-kalċi f'idejh, radd il-ħajr u newwilulhom u lkoll xorbu minnu. Hu qalilhom: 'Dan huwa demmi, d-demm tal-patt, li jixxerred għal ħafna. Tassew ngħidilkom li ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja sa dak inhar li nixrob inbid ġdid fis-Saltna t'Alla".

• Lk. 22, 15-20: "Ġesù qalilhom: 'Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom qabel ma nbati! Għaliex, ngħidilkom, din l-ikla mhiniex se nagħmilha iżjed sa ma tkun seħħet għal kollox fis-Saltna t'Alla. U qabad kalċi, radd il-ħajr u qal: 'Ħudu dan il-kalċi u aqsmuh bejnietkom.' Mbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilulhom u qal 'Dan hu Ġismi li jingħata għalikom, agħmlu dan b'tifkira tiegħi.' Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: 'Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'Demmi, d-demm li jixxerred għalikom".

• I Kor 11,23ff: "Jien irċivejt minn għand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri li l-Mulej Ġesù, fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr qasmu u qal: 'Dan hu Ġismi li jingħata għalikom, agħmlu dan b'tifkira tiegħi' Hekk ukoll għamel bil-kalċi wara li kiel u qal: 'Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'Demmi, agħmlu dan kull meta tixorbu b'tifkira tiegħi. Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru il-mewt tal-Mulej sa ma jiġi".

Dak li jgħid San Pawl bħala tagħrif li ġie mgħoddi lilu, jidher li kienet tradizzjoni liturġika, jiġifieri dak li kien isir u jingħad fil-laqgħat ta' l-insara. L-istess ukoll nistgħu ngħidu rigward it-testi tas-Sinottiċi. Huma riflessjonijiet dwar il-mod li bih il-komunitajiet insara (il-Knejjes) bikrijin kienu jiċċelebraw l-ikla tal-Mulej.

Aktarx li t-test aramajk ta' San Mark, jirrapreżenta u jirriproduċi it-tradizzjoni tal-Palestina, waqt li t-test ta' San Pawl jirrifletti t-tradizzjoni tal-Knejjes ta' Antijokja jew ta' l-Asja Minuri. Anki San Luqa jista jkun li ha tagħrif mill-Evanġelju ta' San Mark u li mbagħad kitbu fi kliemu. Għalhekk, l-istudjużi tal-Bibbja jikkonkludu li flimkien max-xhieda ta' (1) Mark + Mattew u dik ta' (2) San Pawl (I Kor.11,23ff)



għandna wkoll it-tielet xhieda li hija ta' San Luqa. Fosthom hemm xi varjanti, iżda mhux ta' importanza kbira, ħlief il-fatt li l-ordni li Ġesù ta' lill-appostli biex ikomplu jagħmlu l-Ewkaristija huwa mħolli barra f'Mark u f'Mattew, u jinsab biss fl-ewwel ittra lill- Korintin u fil-Vanġelu ta' San Luqa.

L-aħħar ċena li fuqha jitkellmu s-Sinottiċi u l-Appostlu Missierna San Pawl fl-ewwel ittra lill-Korintin, hija ikla sagrifikali (ta' sagrifiċċju) li tħabbar minn qabel il-mewt redentiva (ta' Kristu) kif jindikaw il-kelmiet: "Ġismi, mogħti għalikom" (Lq + I Kor.) u "Demmi mxerred għall-fidwa" (Lq) u "għall-kotra" (Mk + Mt). Il-preżenza tal-ħobż u ta' l-inbid, kif kienu fuq il-mejda mifrudin minn xulxin, juru, jissimboleġġjaw u jindikaw s-separazzjoni vjolenti tal-ġisem mid-demm. Kristu b'dan il-ġest u l-kliem tiegħu b'mod ċar, ħabbar minn qabel il-mewt li kienet ġejja għalih u ippreżentaha bħala sagrifiċċju, li jixbah lis-sagrifiċċji tal-vittmi li b'demmhom ġie ssiġillat l-ewwel patt tas-Sinaj (Eżod. 24,5-8) u s-sagrifiċċju tal-ħaruf ta' l-Għid, li fil-Ġudajiżmu (fost il-Lhud) ta' żmien Kristu kien jitqies bħal sagrifiċċju (ara I Kor 5,7) *(Dictionary of Biblical Theology)*.

L-istess misteru li twettaq fl-Aħħar Ċena jinsab ukoll fil-quddiesa, u t-tnejn għandhom rabta mas-sagrifiċċju tal-Kalvarju; bid-differenza li l-Aħħar Ċena kienet sinjal (tħabbira) tas-sagrifiċċju tal-Kalvarju li kien għadu ġej (ser isir), waqt li fil-quddiesa llum titfakkar u tiġġedded il-ġrajja tal-Kalvarju li diġa twettqet fl-imgħoddi.

Fl-Aħħar Ċena għandna wkoll ix-xhieda (il-prova) li Kristu ta kmand u s-setgħa lill-appostli tiegħu biex jirripetu l-għemil ta' l-għaġeb li hu għamel dakinhar, għaliex qalilhom: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (Lq 22,20).

## *L-Ewkaristija hija sagrifiċċju u sagrament*

L-Ewkaristija hija sagrifiċċju u sagrament li jseħħu fl-istess ħin permezz tal-konsagrazzjoni tal-quddiesa. L-Ewkaristija hija sagrifiċċju, għaliex fiha Kristu joffri lilu nnifsu lil Alla bħala għotja sagrifikali. L-Ewkaristija hija wkoll sagrament, peress li fiha Kristu bil-Ġisem u d-Demm tiegħu jingħata lill-insara bħala nutriment spiritwali tagħhom.

L-Ewkaristija għandha n-natura ta' sagrifiċċju għaliex fiha ssir l-offerta tal-vittma lil Alla; għandha wkoll in-natura ta' sagrament, għaliex l-insara jieħdu sehem minnha u jirċevuha.

L-Ewkaristija għandha l-effett ta' sagrifiċċju għal min joffriha u għal min tiġi offerta f'ismu jew għall-ħtiġijiet tiegħu. L-Ewkaristija għandha tħalli l-effett ta' sagrament f'dawk li jirċievuha, ċioè tagħtihom jew tkattrilhom il-grazzja.

L-Ewkaristija bħala sagrifiċċju għandha l-għan immedjat li tagħti glorja lil Alla; bħala sagrament l-għan tagħha huwa s-santifikazzjoni tal-bnedmin.

Bħala sagrifiċċju, l-Ewkaristija hija azzjoni "*transeuntem*," ċioè li ddum għal ftit ħin (*actio transiens*), bħal sagrament hija realtà permanenti (*res permanens*). *(jissokta)*





TA' KENUNA
Bar & Restaurant

*Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices*

Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645

Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Is-Sebgħa u Tletin Parti )*

**(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)**

## *L-ANDAR F'GĦAWDEX*

### *Iż-żara'*

**Il-qamħ u x-xgħir jinżergħu fil-ħarifa, fix-xahar ta' Diċembru, biex, mbagħad, jinħasdu wara Mejju. Xi drabi jiġri li ż-żrigħ jitwaħħar sa Jannar u Frar. Il-qamħ u x-xgħir jinżergħu billi jitferrxu bl-idejn jew bil-keff mal-għalqa kollha u flimkien jissejħu tgħam. Wara li t-tgħam jitferrex fil-għalqa, isir il-għażiq biex hekk jintradam fil-ħamrija. Meta t-tgħam jinbet jissejjaħ żara'.**

Hemm żewġ xorta ta' qmuħ li jinżergħu: qamħ ħamrani li hu aktar addattat biex jinżera' fir-raba', u qamħ safrani li jinżera' fir-raba' tafli.
Ix-xgħir jista' jinżera' wkoll għall-aħdar u meta jikber biex jinqata' jissejjaħ furrajna.

### *Il-Furrajna u t-Tomnija*

Il-furrajna tista' tinżera' kemm bil-keff, jiġifieri mferrxa bl-idejn, kif ukoll bil-bejta jew bil-ħofra. F'dan il-każ jingħad li tinżera' bil-kċuċ. Min jiżra' bil-kċuċ ikun qiegħed ikaċċaċ.

It-tgħam li jinżera' mwaħħar jissejjaħ tomnija. It-tomnija tinżera' għall-ħabta ta' l-aħħar ġimgħa ta' Frar għax skond il-qawl insibu li Santu Mattija, żrigħ it-tomnija.

Il-festa ta' San Mattija Appostlu, taħbat fl-24 ta' Frar.

### *Il-Ħsad*

Meta jilħqu, iż-żara' u l-furrajna jinħasdu bil-minġel. Iż-żara' u l-furrajna maħsuda jintrabtu f'qatet. Il-qatta taż-żara' tkun akbar minn tal-furrajna. Qatta furrajna żgħira tissejjaħ ħażżieqa, l-istess bħal tas-silla. Il-qatta, biex tkun sabiħa u ma tinstaramx, trid tkun imdennba, jiġifieri nofs l-egħruq ikunu jħarsu fuq naħa, u n-nofs l-ieħor fuq in-naħa l-oħra. Il-kobor tal-qatta kien jista' jitkejjel, jew fuq il-għajnejn, inkella permezz ta' biċċa għodda li kienet issir minn fergħa ta' siġra sura ta' Y. Il-bidwi jimla n-naħa ta' fuq sewwa u kif suppost u mbagħad jorbot bl-irbat.

Meta l-qamħ u x-xgħir jitħallew għall-moxx, jiġifieri għan-niexef, jilħqu għall-ħsad wara Mejju, minn ħodor isiru sofor, għax kif igħidu, "Mejju, iż-żara' joqtlu." Huma jtellgħu s-sbula. Is-sbula tax-xgħir tkun iżgħar minn tal-qamħ, iżda jkollha s-sifa twil. Is-sifa jkun bħal lanżit irqiq u li jitfarrak malajr. Is-sbula tal-qamħ tkun ikbar minn tax-xgħir u kważi bla sifa xejn.

Meta mis-sbula jitneħħew il-qamħ u x-xgħir, dak li jifdal jissejjaħ karfa. Iżda l-qxur irqiq li bih ikunu mgeżwrin il-qamħ u x-xgħir jissejjaħ ħliefa. Il-bqija tax-xitla tal-qamħ u x-xgħir titkisser u ssir tiben. Iż-żara' maħsud, biex ikun jista' jingarr, jintrabat f'qatet jew qatt. Il-qatet jintrabtu bl-irbata. Għalhekk, qabel ma jsir il-ħsad, il-bidwi jrid iħejji l-irbat. Fil-għodu kmieni jaqla' rokna żara' mill-itwal li jkollu bl-egħruq u x-xniexel, jiġifieri b'kollox. Jekk ikun meħtieġ iniddih xi ftit bl-ilma (ixarrbu) biex ma jitfarrakx. Imbagħad dan iż-żara' jieħdu f'xi bitħa tat-tiġieġ u jħabbat is-sbul tiegħu mal-ħajt sakemm it-tgħam jitfarfar kollu. Iż-żara hekk imfarfar jissejjaħ imdaqq. Imbagħad jaqbad żewġ qabdiet żgħar imdaqq u jorbothom ma' xulxin u hekk isiru rbata. L-irbit isir f'għamla ta' għoqda u qabda tintrabat min-naħa ta' l-egħruq u l-oħra min-naħa tas-sbula. Hawnhekk nixtiequ ngħidu li meta ż-żara' jegħfen, jiġifieri jitbatta ma' l-art bir-riħ għax jitqal bix-xita, ma jkunx tajjeb biex minnu jsir l-irbat. Dan hu hekk għax żara' megħfun ikollu l-parti mimduda ma' l-art immuffata u mherrija. Għall-irbat iż-żara' jrid ikun twil u wieqaf dritt. Waqt l-andar bl-irbat jorbtu wkoll il-qasbija, u wara l-andar l-irbat li jifdal kien jintrefa' ħalli bih jorbtu wkoll is-silla moxxa (silla nofsha mnixxfa) is-sena ta' wara.

Bl-irbat il-bidwi jorbot iż-żara' f'qatet, u l-qatet jinġabru f'imniezel żgħar ta' xi ħdax-il qatta jew inkella sitt qattiet. Kull munzell żgħir taż-żara' jissejjaħ kief. Jingħad li fil-bidu kief kien ikun fih qatet daqskemm tiflaħ terfa' bhima fuq il-pennell billi dari l-ġarr ma kienx isir fuq il-karrettun, iżda fuq id-dahar, u biex il-ħmar jew il-bagħal jitgħabba sewwa fuq dahru kienu jqiegħdu bħal xedd jew bardgħa ratba, imsejħa pennell. Il-ġarr fuq id-dahar baqa' jsir sa żmienna f'inħawi fejn m'hemmx toroq għall-karrettuni, l-aktar qrib iż-Żebbuġ. L-irbit kien isir b'ħabel apposta, imsejjaħ ħabel tal-kief.



## *Il-Qiegħa*

Meta l-bidwi jkun jaħsad iż-żara', jibda jħejji l-qiegħa biex fuqha jidres iż-żara' tiegħu. Il-qiegħa ssir hekk:

L-ewwel nett, il-bidwi jfarrak it-tub kollu (ċapep ta' ħamrija magħquda) li jkun hemm fejn se ssir il-qiegħa u jneħħi wkoll xi ġebel imdaqqas li jkun hemm fil-wiċċ. Imbagħad, permezz ta' ħabel issir it-tondjatura tal-qiegħa. Hawnhekk iridu jkunu tnejn: wieħed iżomm il ħabel fin nofs u l-ieħor idur bih fil-waqt li b'imgħażqa jimmarka d-dawra. Għal dan ix-xogħol il-bdiewa kienu jgħidu "indawru l-qiegħa". Wara, ixarrbu jew aħjar "isaqqu" l-qiegħa u, wara li jroxxu t-tiben fil-wiċċ, jibdew iballtuha b'romblu tal-ġebel li jiġbduh huma stess jew, jekk ikun goff, jiġbduh b'xi ħmara permezz ta' ċwejjem jew riedni xi ftit twal. F'dawn iż-żminijiet ġie li tagħmel xi ħalba xita qawwija li tissejjaħ xita tal-qigħan. Din ix-xita ġie li għenet lill-bdiewa biex iramblu u jballtu l-qiegħa. Wara li jkunu balltuha sewwa bir-romblu tal-ġebel il-qiegħa tkun lesta.

Ir-romblu tal-qiegħa jkun magħmul minn ġebla tal-franka b'żewġt imsiemer, wieħed kull naħa, fejn jidħlu ċ-ċwejjem jew ħbula li bihom jinġibed.

## *Il-Ġarr taż-Żara'*

Meta l-qiegħa tkun lesta, iż-żara' jinġieb ħdejha u jitqiegħed f''munzell wieħed kbir imsejjaħ ħalla. Il-ġarr taż-żara' mill-egħlieqi jsir bil-karrettun. Għalhekk, it-tagħbija trid issir bil-għaqal ħalli jinġarr l-aktar għadd ta' qatet li wieħed jista' jqiegħed fuq il-karrettun. Naturalment, aktar ma jkun kbir il-karrettun, aktar wieħed ikun jista' jġorr żara'. Biex il-bidwi jkun jista' jġorr aktar żara' u biex it-tagħbija żżomm f'postha u ma tmurx fuq ir-roti, kienu jintramaw żewġ lasti, qishom seratizzi, waħda kull naħa, li kienu jistrieħu fuq il-lasti tal-karrettun, ħdejn il-fus, permezz ta' biċċa ħadida mwaħħla magħhom. Dawn il-lasti, waħda kien ikollha ħolqa n-naħa ta' fuq biex jitgħadda l-ħabel minn ġo fiha jew jintrabat magħha, u l-oħra n-naħa ta' fuq ukoll kienet tkun maqtugħa f'għamla ta' minċott biex il-ħabel ikun jista' jitkebbeb magħha u wara l-lasti jintrassu tajjeb mal-vjiċġ. Il-qtugħ għamla ta' minċott kien iservi biex il-ħabel la jiżżerżaq 'l isfel u lanqas jinbeżaq in-naħa ta' fuq.

Barra minn dan, dawn il-lasti kienu jagħmluha ħaġa eħfef biex it-tagħbija tintrabat sewwa permezz ta' ħbula jew swiegel. Siegla hija ħabel pjuttost qasir li jsir l-irbit bih. Iżda t-tagħbija kollha kienet tintrabat permezz ta' ħabel ieħor twil imsejjaħ ġerr. L-irbit kien isir sewwa u bis-sengħa biex it-tagħbija ma tinstaramx. Ma ninsewx li dari t-toroq kienu ħżiena ħafna u kollha stroffi. Xi drabi, waqt it-tagħbija il-qatet taż-żara' kienu jitnewlu għall-għoli permezz ta' biċċa għodda qisha midra b'żewġ sinniet li kienet tissejjaħ newwiela. In-newwiela kienet tintuża wkoll biex jitnewlu l-qatet taż-żara' għal fuq il-ħalla.

Tajjeb li jingħad ukoll li fil-waqt li l-bdiewa kienu jkunu jgħabbu, kienu jħollu l-bhima minn mal-karrettun u jħalluh fuq l-istrippi biex ma tbatix għalxejn.

Iż-żara' jitqiegħed f'ħalla ħdejn il-qiegħa, iżda jekk il-bidwi jkollu ħafna żara', allura dan jinġabar f'żewġ ħalel jew aktar. L-art bil-ħalel taż-żara' mdawrin mal-qiegħa tissejjaħ andar u, meta l-bidwi jmur hemm biex jidres iż-żara' fuq il-qiegħa, jingħad li jkun qiegħed fuq l-andar. F'Ġunju u Lulju Għawdex kien ikun kollu andrijiet jew anadar, kif kienu jgħidu fl-antik. Ħafna drabi l-andrijiet kienu dejjem jintramaw fl-istess għelieqi u, għalhekk, diversi nħawi f'Għawdex għadhom magħrufa bħala "ta' l-andar" jew "l-andrijiet", jiġifieri r-raba' jew l-egħlieqi fejn kien isir l-andar, inkella diversi andrijiet. Xi drabi l-andar kien ikollu aktar minn qiegħa waħda, jew għax ikun ta' sidien differenti jew biex ix-xogħol isir aktar malajr.





## *Għodod għal fuq l-Andar.*

Qabel ma jibda d-dries fuq il-qiegħa, il-bidwi jrid jara li jkollu dawn il-għodod lesti biex jużahom:

a) Joħroġ il-karrettun u jrikkeb il-lasti fuq munzell żgħir taż-żara'. Imbagħad ineħħi l-musmar tal-fus biex floku jdaħħal sieq il-minġla.

b) Il-minġla tkun għamla ta' felli tal-bettiħ b'sieq fuq naħa waħda biex teħel u ponta n-naħa l-oħra. Tkun bis-snien biex fuqha l-bidwi jkun jista' jqatta' ż-żara' skond il-bżonn. Il-minġla tintuża wkoll biex fuqha jqattgħu s-silla, iżda din il-għodda m'għandhiex x'taqsam mal-minġel, jiġifieri dik il-biċċa għodda li biha jsir il-ħsad kemm taż-żara' kif ukoll tas-silla.

c) Il-midra. Din tkun qisha furkettun ta' l-injam bi tliet sinniet jew tliet swaba'. Id-derries juża din il-biċċa għodda antika biex biha jqalleb it-terrieħa, jiġifieri t-tiben ta' fuq il-qiegħa, kif ukoll biex, meta jagħmel riħ tajjeb, iderri l-qiegħa.

d) Il-luħ. Dan ikun bħal pala ta' l-injam imħaffra pulit biex biha d-derries ikompli jġelben u jsaffi t-tgħam mis-sifa u mill-ħliefa. Min juża l-luħ, ikun qiegħed ilewwaħ.

e) L-egħriebel. Id-derries ikollu l-egħriebel tal-karfa, li jkunu b'toqob kbar u tondi biex issir l-ewwel tgħarbila u l-għarbiel tat-tgħam bit-toqob irqaq biex minnhom igħaddi biss it-tgħam. Fl-aħħar nett it-tgħam igħarbluh ukoll bil-għarbiel tal-għabra biex żgur li t-tgħam jissaffa għal kollox. L-egħriebel l-aktar antiki kien ikollhom il-qiegħ tal-ġild. Wara beda jsir tal-landa.



f) Il-Grabja. Ħdejn il-qiegħa ġieli jagħmlu wkoll il-grabja. Din issir biex meta ma jkunx hemm min iżomm il-għarbiel, il-bidwi jorbot il-għarbiel min-naħa l-waħda li tiddendel mal-grabja. Imbagħad jerfa' l-għarbiel min-naħa l-oħra u jkun jista' jgħarbel waħdu.

g) Lożor u xbieki. Liżar tat-tiben ikun magħmul minn xi tlieta jew erba' xkejjer tal-ġuta meħjutin ma' xulxin f'għamla kwadra. Imbagħad jintużaw biex jimlewhom bit-tiben ħalli jkunu jistgħu jġorruh minn fuq l-andar. It-tiben jintrabat billi l-kantunieri tal-faċċata jintrabtu ma' xulxin f'għamla ta' salib ta' Sant'Indrija. Ix-xbieki tat-tiben ikunu daqs il-lożor, imma jkunu magħmulin minn ħbula kemm kemm ħoxnin biex jifilħu t-tagħbija tat-tiben.



## *Id-Dries*

Meta l-bidwi ma jkollux ħafna żara' u jkun irid ħafna tiben, allura meta jiġi biex jidres, iħoll il-qatt taż-żara' fuq il-qiegħa sakemm jimlieħa u wara jibda jidres bil-bhima, fil-waqt li hu joqgħod fin-nofs iżomm iċ-ċima (il-ħabel), u jħalli l-bhima ddur madwar il-qiegħa għal żmien twil mhux ħażin.
Iż-żara' hekk mitluq fuq il-qiegħa jissejjaħ terrieħa.

Meta d-derries ikun jidhirlu li l-qiegħa ndirset swwa, allura bil-midra huwa jqalleb it-terrieħa ta' taħt fuq u anki jerfa' t-truf biex it-tiben jibqa' fuq il-qiegħa, u mbagħad jerġa' jibda jdawwar bil-bhima. Id-derries jibqa' jqalleb iż-żara' midrus u jerfa' t-truf sakemm jidhirlu li jkun tkisser u ndires sewwa.

Hawn irridu wkoll ngħidu li d-derries jista' jidres kemm bil-bgħula, ħmir u anki żwiemel, kif ukoll bil-gniedes u l-baqar tal-ħart. Meta jidres b'żewġ bhejjem dejjem iqiegħed iż-żgħir fuq in-naħa ta' ġewwa. Jara wkoll li jkollu xi reċipjent fil-qrib biex jekk il-bhima tkun se tħammeġ ikun jista' jilqgħu u jnaddfu mill-ewwel. *(Jissokta)*


SMUGGLER'S CAVE
BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 21553500

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Home Decorations
* Specialising in Gypsum wall partitions
* Gypsum Board Soffit and all kinds of tiles
* PVC Wall Panelling
* Interior Painting
For Free Home Estimates
Call Frank Azzopardi
on 2156 5241 or 9982 9195

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

FUQ L-INTERNET
RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo
IL-HAJJA F'GHAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi




# 6. L-GĦERIEN FIX-XAGĦRA



*Essay ta' Diane Teuma mix-Xagħra (6th Form, Skola Sekondarja Sir M'Anġ Refalo)*



**Ir-raħal tax-Xagħra huwa magħruf għall-istorja twila li għandu. Ta' dan għandna xhieda t-tempji tal-Ġgantija li jeħduna lura għal madwar 3600 sena qabel Kristu. Biss dan mhux kollox, għax ix-Xagħra hi mimlija b'ħafna postijiet ta' interess li jiġbdu mijiet ta' turisti li jiġu jżuruhom ta' kull sena. Fost dawn il-postijiet nistgħu nsemmu n-numru ta' għerien li għandna madwar ir-raħal.**

Żewġ għerien li nstabu madwar l-istess żminijiet u li għandhom ħafna similaritajiet bejniethom huma l-Għar ta' Ninu u l-Għar ta' Xerri. L-Għar ta' Ninu ġie mikxuf fis-sena 1888 minn Ġużeppi Rapa f'għalqa li f'dak iż-żmien kienet tissejjaħ ta' Ninu. Ninu kien dak ir-raġel li, qabel Ġużeppi Rapa, kellu l-għalqa f'idejh. Fit-18 ta' Marzu 1888, Ġużeppi Rapa kien qiegħed iħaffer spiera fl-għalqa msemmija, iżda sab ħafna blat iebes u qata' qalbu. Billi kien bla xogħol emigra lejn Bona u reġa lura sitt xhur wara. Mill-ġdid reġa' beda jħaffer, sab toqba, kabbarha iżjed li seta' jgħaddi minnha, u hemmhekk ra għall-ewwel darba l-ġmiel li taf tagħmel in-natura. Dak li ra Ġużeppi Rapa għadu jidher sa llum. F'dan l-għar wieħed jista' jara stalaktiti u stalagmiti ta' għamliet differenti. Uħud forma ta' labar irqaq u oħrajn ta' annimali jew bnedmin.



L-Għar ta' Xerri

L-Għar ta' Xerri nstab fl-1923 minn Ġużeppi Xerri meta dan kien qed iħaffer spiera għall-ilma fl-istess dar fejn kien joqgħod. Bħal fl-għar li ġa semmejna qabel, f'dan l-għar insibu li hemm eluf ta' stalaktiti u stalagmiti. Il-ġebel hu solidu, iżda bid-dawl warajh li bih ġie mgħammar l-għar, il-ġebel jieħu dehra oħra billi d-dawl jgħaddi minn ġo fih. Jidhru ħafna forom bħal kolonni, iljunfanti, fekruna, ġiraffa u għamliet oħra. Skond ġeoloġisti, biex stalaktita tikber 0.01 ta' ċentimetru trid sena, u biex tiġi ffurmata kolonna ta' għoli ta' 210 ċentimetru iridu jgħaddu 4000 sena.

Għar ieħor li nsibu fix-Xagħra huwa l-Għar ta' *Calypso*. Dan jinsab fuq ir-riħ tal-bajja tar-Ramla. Skond kif tgħidilna t-tradizzjoni, dan l-għar huwa



L-Għar ta' Calypso

msemmi fil-poema Odissea tal-poeta Grieg Omeru, li kien jgħix bejn 1200 u 1800 qabel Kristu. Hu jgħid li f'dan l-għar kienet tgħix ninfa li kien jisimha *Calypso* u li minnha mhux biss dan l-għar ħa l-isem, iżda anke l-gżira kollha ta' Għawdex li bdiet tissejjaħ il-Gżira ta' *Calypso*.

L-Għar ta'*Calypso* huwa fil-veru sens bħal katakombi, b'numru kbir ta' għerien li jinfdu għal xulxin u li l-leġġenda tgħid li m'għandhomx tmiem. Oħrajn jgħidu li dan l-għar jasal sa taħt it-trunċiera tar-Ramla. Xi ftit snin ilu nstab fih kwantità ta' fuħħar antik, minn ħaddiema li kienu jagħmlu xi xogħol f'dan l-għar. Barra minn hekk, dan l-għar jixbah lill-għerien ta' Ninu u ta' Xerri għax fih insibu xi stalaktiti u stalagmiti wkoll. Għalkemm illum wieħed ma jistax jidħol fih, hu biżżejjed li jasal sal-bokka tiegħu għax taħtu jilmaħ deħra tal-għaġeb ; dik tal-bajja tar-Ramla u tal-baħar kaħlani li jinfirex 'il bogħod u li jdawwar il-gżira sabiħa tagħna.

Il-*Gozo Stone Circle*, li huwa għar ieħor li jinsab fix-Xagħra, jinsab fl-ogħla parti tar-raħal. Kien użat bħala ċimiterju madwar 4000 sena qabel Kristu minn dawk in-nies li ġew f'Malta u Għawdex għal din il-ħabta u li għall-ħabta tas-sena 3600 qabel Kristu fasslu t-tempji megalitiċi (binjiet magħmula minn ġebel kbir), bħalma huma dawk tal-Ġgantija.

Dawk in-nies kienu l-ewwel abitanti tal-gżejjer Maltin li bdew jidfnu f'oqbra miġbura ħdejn xulxin. Għall-bidu kien hemm għar naturali fil-post li llum jissejjaħ "Ix-Xagħra l-Kbira", u meta dawn l-istess nies bnew il-Ġgantija, bdew jużaw dan l-għar bħala ċimiterju. Minħabba li l-blat ma kienx tant iebes, l-għar seta' jitkabbar skond il-ħtiġijiet tan-nies. Għalhekk għall-ħabta ta' bejn it-3000 u l-2500 qabel Kristu, l-għar kiber mhux ħażin. Kien jintuża b'ċimiterju taħt l-art (*hypogeum*) u għalhekk saru fih dekorazzjonijiet b'ġebel kbir tal-franka, bħal speċi ta' artali, li kellhom jinġarru fuq rombli tal-ġebel (dakinhar ir-roti kienu għadhom ma jafux bihom) minn xi seba' kilometri 'l bogħod, aktarx mix-Xewkija.

Dan il-post kienu jafu bih fis-seklu 18 u ħafna viżitaturi barranin li kienu jiġu jaraw il-Ġgantija kienu jmorru jaraw ukoll dan il-post li kien imdawwar b'ġebel kbir (għalhekk *Stone Circle*). Għall-ħabta ta' l-1820 il-gvern f'Għawdex kien immexxi mill-Kurunell John Otto Bayer. Wara li bejn l-1920 u l-1929 naddaf il-Ġgantija minn materjal u ġebel li kien inġabar fiha matul sekli sħaħ, dan dar għaċ-ċirku u beda jħaffer f'nofsu. Meta sid il-għalqa ntebaħ b'dan, ħaseb li kien hemm xi teżor u għalhekk waqqaf lil Otto Bayer mix-xogħol ta' tħaffir biex ikompli hu. Iżda meta sab li ma kien hemm xejn, għatta t-toqba, kisser il-ġebel kbir taċ-ċirku u bih bena maqjel fil-qrib, u l-għalqa wittieha u ħawwilha bis-siġar. Għalhekk ma kien fadal l-ebda ħjiel li xi darba kien jeżisti dan iċ-ċimiterju mdawwar b'ċirku ta' ġebel kbir, għalkemm il-pittur Charles Frederick Brockdorff ħallielna akwarelli (pittura bil-*watercolours*) ta' dan il-post meta kien qed jiġi skavat minn John Otto Bayer (għalhekk xi kultant dan iċ-ċirku jissejjaħ il-*Brockdorff Circle*). F'Ottubru tal-1965, waqt *lecture* fil-Belt Valletta, is-Sur Ġużè Attard Tabone, mix-Xagħra, indika li wara studju li kien għamel hu, kien sab il-post fejn kien jinsab dan iċ-ċirku.

Meta bejn l-1987 l-1995 saru l-iskavi f'dan il-post, instabu ħafna biċċiet ta' għadam tan-nies li miġburin flimkien jagħmlu madwar elf persuna. Magħhom instabu kwantità kbira ta' fuħħar u numru ta' statwetti, l-isbaħ waħda fosthom kienet tirrappreżenta żewġ figuri lebsin dublett bil-pjiegi. Dawn il-postijiet ta' interess imsemmija, flimkien ma' ħafna oħrajn, huma xhieda ta' l-istorja fix-Xagħra mal-medda taż-żminijiet. Mijiet ta' turisti, ta' kull sena jiġu jżuru dawn il-postijiet ta' interess kbir. Bihom ix-Xagħrin huma kburin u jżommuhom b'għożża kbira.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Mons Alwiġ Vella (1859-1928)

## 3. Jibni l-Knisja ta' Savina



Il-Knisja ta' Savina

Meta tara l-knisja ta' Savina u l-opri ewkaristiċi mwaqqfin fiha ma tistax ma tiftakarx fil-ħidma siewja ta' Dun Alwiġ Vella.

Il-knisja ta' Savina li hemm illum inbniet flok waħda antika li kienet iddedikata wkoll lit-Twelid tal-Verġni Marija. Infatti fit-2 ta' Ġunju 1901 Dun Alwiġ ġie inkarigat mill-Kapitlu tal-Katidral biex isir rettur ta' din il-knisja kif ukoll jieħu ħsieb il-bini tagħha. L-Isqof Giovanni Maria Camilleri ikkonferma 'l għada din id-deċiżjoni. Ta' min isemmi li fl-1900 il-knisja ta' Savina kellha tingħalaq peress li kienet fi stat ħażin u fil-periklu li tiġġarraf.

Dun Alwiġ beda jħott din il-knisja l-qadima fis-17 ta' Ġunju 1901 u fil-21 ta' l-istess xahar tqiegħdet l-ewwel ġebla. Għalkemm id-diffikultajiet ma naqsux sab appoġġ finanzjarju mill-poplu. Biex ma jsibx oppożizjoni ma qal lil ħadd bl-iskop li kellu f'moħħu li jkun hemm knisja ta' Adorazzjoni Ewkaristika. Huwa kiteb fil-folju tal-Ewkaristija Il-"Ħabbàr ta' Ġesù Sagramentat" ta' Lulju-Awissu 1920: "Imma fil-bini tal-knisja ċkejkna tagħna t-tfixkil u t-tmaqdir kien ftit akbar milli kellu jkun għaliex għalkemm il-fini tiegħi moħbi, li ma wrejtu lil ħadd, kien li nibni knisja żgħira lil Ġesù Sagramentat għall-adorazzjoni tiegħu".

Ix-xogħol fuq il-bini baqa' sejjer sakemm il-knisja tlestiet. Dun Alwiġ bierek din il-knisja ġdida fid-29 ta' Jannar 1903 bħala delegat ta' l-Isqof. Fit-8 ta' Frar ta' l-istess sena l-Isqof Camilleri fetaħha għall-pubbliku. Dun Alwiġ baqa' jaħdem fit-tagħmir ta' ġewwa l-knisja sakemm f'Mejju ta' 1908 kiteb fil-folju tal-Ewkaristija-"Habbàr ta' Ġesù Sagramentat" li kien ser ikabbarha sabiex tkun aktar adattata għall-adorazzjoni Ewkaristika. Kien jeħtieġlu aktar finanzi iżda huwa kien fiduċjuż f'Alla kif kiteb fl-istess folju ta' l-istess xahar: "Forsi Alla jmiss il-qlub ta' xi devoti ta' Ġesù Sagramentat. Ma naqtgħux jiesna."

Fit-2 ta' Lulju 1912 beda t-tkabbir tal-Knisja mimli fiduċja fil-providenza ta' Alla. L-Adorazzjoni Ewkaristika baqgħet issir barra dawn il-perijodi; mis-26 ta' Diċembru sal-11 ta' Jannar 1913 u mit-Tnejn ta' fuq il-Għid ta' dik is-sena sa' ma nfetħet fid-29 ta' April 1913.

Fl-1913 inżamm il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Fuq talba ta' Dun Alwiġ, il-Kardinal Domenico Ferrata żar Għawdex, wara li spiċċa l-Kungress jiġifieri fid-29 ta' April 1913. Dakinhar il-Kardinal fetaħ uffiċjalment il-knisja ta' Savina. Meta ta l-barka papali lill-poplu quddiem din il-knisja, bid-dmugħ f'għajnejh qal: "*Non inveni tantam fidem in Israel*". Din hija sentenza mill-Vanġelu ta' San Mattew li tfisser: "F'ħadd minn Israel ma sibt fidi bħal din".

Għal din l-okkażjoni Dun Alwiġ bagħat telegramm lill-Papa u stampa ħarġa tal-fuljett tiegħu bit-taljan. Fih tkellem fuq l-opri ewkaristiċi li kien waqqaf u l-ftuħ tal-knisja l-ġdida ta' Savina.

(*Din is-sensiela hija msejsa fuq il-ktieb "Dun Alwiġ ta' Savina" miktub minn Mons. Anton Gauci. Min jixtieq jixtri kopja jirrikorri għand l-awtur).*

***Angelo Xuereb***









***L-"Għolja tas-70 Nazzjon"***

Din hija l-għolja kbira li tinsab fil-"Għalqa ta' Maria" (*Marienfeld*, f'Kolonja) fejn Benedittu XVI se jmexxi velja ta' talb u l-Ewkaristija fl-20 u fil-21 ta' Awissu, fl-okkażjoni ta' l-XX Jum Dinji taż-żgħażagħ, quddiem folla ta' parteċipanti li tista' tilħaq il-miljun ruħ. Għal tmiem Mejju li għadda, intemmu x-xogħolijiet fuq l-imsemmija għolja, b'għoli ta' 10 metri u li tesa' madwar elfejn ruħ n-naħa ta' fuq tagħha. Skond il-Kardinal Joachim Meisner, Arċisqof ta' Kolonja, iż-żgħażagħ mid-dinja kollha għandhom iħossu xi ħaġa tas-"sħaba luminuża" u tal-"kolonna taqbad tan-nar tal-preżenza ta' Alla" fil-lejl bejn il-21 u t-22 ta' Awissu li ġej.

***Ħidma ta' l-Ordni ta' Malta***

Fit-23 ta' Ġunju, il-Granmastru ta' l-Ordni ta' Malta, Fra' Andrew Bertie, żar lill-Papa u taħ tagħrif dwar il-ħidma li kellu jibda jwettaq il-*Malteser International*, korp awżiljarju ta' l-Ordni, bl-iskop li joffri għajnuna medika u umanitarja. L-okkażjoni ta' l-udjenza kienet iċ-ċelebrazzjoni ta' San Ġwann Battista, il-patrun ta' l-Ordni. *Malteser International* qed iwettaq missjonijiet f'35 pajjiż, b'aktar minn 150 proġett. Dawn il-proġetti qed jitwettqu minn mitt espert fl-għajnuna ta' emerġenza umanitarja, flimkien ma' 900 aġenti lokali f'postijiet ta' kriżi, bħall-Kosovo, l-Afganistan, Darfur u l-artijiet Asjatiċi maħkuma mit-tsunami.

***Ottimiżmu dwar ir-relazzjonijiet maċ-Ċina***

L-Arċisqof Giovanni Lajolo, l-ekwivalenti għall-ministru ta' l-affarijiet barranin tal-Vatikan, qal fit-22 ta' Ġunju li hu kunfidenti li b'"rieda tajba u spirtu ta' ħbiberija" miż-żewġ naħiet, jistgħu jintlaħqu r-relazzjonijiet diplomatiċi bejn is-Santa Sede u ċ-Ċina. Lajolo ta l-kummenti tiegħu lir-Radju Vatikan wara li mar l-Asja fejn kellu taħdidiet mal-mexxejja reliġjużi u ċivili. Dwar iċ-Ċina, qal li fil-fehma tiegħu ma hemmx problemi li ma jistgħux jintegħlbu biex jitwaqqfu relazzjonijiet diplomatiċi. "Imma għandna bżonn nimxu 'l quddiem bil-prudenza u naċċertaw li xi kundizzjonijiet neċessarji jiġu osservati miż-żewġ naħat", huwa qal. "Jiena ċert li b'rieda tajba u spirtu ta' ħbiberija ... nistgħu nilħqu riżultat pożittiv", kompla jgħid. Fl-imgħoddi, uffiċjali tal-Knisja qalu li ż-żewġ kundizzjonijiet mitluba mill-Vatikan huma l-ħatra libera ta' l-isqfijiet fiċ-Ċina u l-libertà għall-Kattoliċi Ċiniżi li jżommu rabtiet reliġjużi ma' Ruma mingħajr il-kontroll tal-gvern.

***Ilmenti mill-Isqfijiet ta' Zimbabwe***

Il-Konferenza ta' l-Isqfijiet Kattoliċi ta' Zimbabwe ppublikat ittra pastorali li teħodha kontra l-programm tal-gvern li wassal biex jiġġarfu bliet tal-foqra bil-konsegwenza ta' numru bla għadd ta' familji li spiċċaw bla dar. Intant, Fides, l-aġenzija missjunarja tas-Santa Sede, innotat li s-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda Kofi Annan ħatar lil Anna Kajumolo Tibaijuka tat-Tanżanija bħala mibgħuta speċjali biex teżamina l-abbużi li saru mill-forzi ta' lordni.

***Knisja fjorenti fl-Afrika***

Fl-Afrika, tul l-aħħar 25 sena, in-numru tal-Kattolici kiber għal kważi tliet darbiet, skond ma jirriżulta mill-edizzjoni ppublikata dan l-aħħar ta' l-*Annuarium Statisticum Ecclesiae* 2003, imħejji mill-Uffiċċju Ċentrali ta' l-Istatistika tal-Knisja. Fl-1978 fl-Afrika kien hemm madwar 55 miljun Kattoliċi, li fl-2003 telgħu għal kważi 144 miljun. Mill-1978 sal-2003, il-Kattoliċi fid-dinja żdiedu minn kważi 757 miljun għal 1,085 miljardi, b'żieda ta' 329 miljuni nsara u perċentwal daqs 43.5 %.

David's Bakery Caterers

Il-Kwalità l-ewwel!

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

*Għawdxin li għadna niftakru - 26* *Minn Pawlu Mizzi*

# PATRI AKKURSJU XERRI



Mur ġibu lil Patri Akkursju jaqra l-artikli tiegħi fil-*Ħajja f'Għawdex*! M'għandix dubbju li kien jifraħ jaqra xi ktibt fuq Ġoġo tax-Xejxier u fuq Pawlu tal-Lingi. It-tnejn kienu ħbieb tiegħu sew. Wieħed kumpann ta' tfulitu li min jaf kemm daħku u kemm praspar għamlu fi *Strada Palma* u l-ieħor sieħeb fil-ħolmiet patrijottiċi li kiber fihom. Imma, min jaf ukoll kemm kien ixengilli rasu!

*'Don x'ġurnoliżmu ew tijak, Pawl!'* nisthajlu jgħidli b'ironija. *'Do m'ant Mejbil tallimtew?'*

Għax minn qaddisu l-ġurnalist, bħalma kien jgħid Addison, kien ikun iktar għatxan għall-aħbarijiet milli għall-umoriżmu.

Patri Akkursju, imma, kien mimli ċajt. U lili ta' spiss kien jinbixni b'Mabel Strickland. Kien jiskanta jarani nikteb fil-gażżetti tagħha. Kien jaf li mill-familja minn dejjem konna mizzjani u kien jiskanta jismagħha ssejjaħli *'our young nationalist'*. Hi ukoll kellha moħħha miftuħ u kienet torbot fuqi u tqisni b'wieħed mill-'ġurnalisti Għawdxin' qrib tagħha fil-*Progress Press*.

U bħali kien hemm oħrajn. Kelinu Vella Haber, Ġużeppi Cutajar tal-Manzalett, Koli Apap, Kikku Pace ta' Botu, u Kolin Cauchi, fost oħrajn. Ilkoll bl-imħatra min sa jagħti l-aħjar servizz għall-pajjiżu fil- *"Berqa"*, fit-*Times* u fil-ġurnali l-oħra ta' dak iż-żmien.

Għalhekk, forsi, Patri Akkursju kien jinkedd jarana naqdu lill-'barranin' u mhux liċ-ċkejken Għawdex tagħna.

Għax Akkursju – għal dawk li ma jafuhx – kien il-mudell ta' l-irġulija għawdxija. Raġel kif kienu jqisuh ir-Rumani mill-qlubija tiegħu fuq il-kamp tal-battalja. Għalija forsi kien iktar minn hekk. Kien żgur Għawdxi mill-karattru: patrijott mogħni bl-isbaħ valuri nsara. Għalhekk, aktarx, marbut ma' l-ambjent li rabbieh u kabbru. Meħdi fit-tagħlim u lest li jxerred dak it-tagħlim. Ifittex il-fatti u jaħrab mill-fantasija. Kien fis-sens veru tal-kelma, 'missier il-ġurnaliżmu Għawdxi'.

Akkursju – kif ħafna kienu jħobbu jsejħulu – tħarreġ barra. Fl-Italja, fi Franza u fl-Ingilterra. Dar u ġera kulfejn kien hemm uffiċċju stampa. Mnejn il-kelma setgħet tixtered aktar libera u malajr. U xorob mill-influwenzi soċjo-reliġjużi tal-ġurnalisti magħrufa ta' żmienu. Kemm ta' Patri Agostino Gemelli u ta' William Thackery u kemm ta' Benedetto Croce. Għalih *Le Monde* bħal *Le Figaro* jew il-*Corriere della Sera* u *The Tablet* kienu għejjun ta' tagħrif daqskemm kienet l-*Osservatore Romano*.

Kien reliġjuż modern. Imtella' fil-burraxki politiko- reliġjużi ta' bejn iż-żewġ gwerer. Imma, Franġiskan sa ruħ ommu. Liberali. Bla xkiel ta' għanqbut medjevali. Ta' żaqqu f'fommu ma' kulħadd. Ġurnalist li jagħraf il-ħtiġiet u d-drittijiet taż-żgħar. U ma jibżax joħroġ għonqu biex jiddefendihom. Kien jiekol mal-pubblikani. Ghax għalih id-dritt ta' kulħadd kien sagrosant.

L-iktar fejn jidħol pajjiżu. Għal Għawdex ma kienx hemm kantunieri. Kien jiġi l-ewwel. Fil-ġerarkiji ta' l-Istat u tal-Knisja.

Meta fl-10 ta'Ġunju ta' l-1945 ħareġ l-ewwel darba l *Għawdex* kien hemm min xlieh li kien qed joħlom. Miġnun. Li ma kienx jaf għal xiex dieħel. Li ċ-ċoqqa patri kienet tagħmel u mhux ġurnalist. Għax fis-sewwa d-dinja tal-ġurnal hi ħafna usa mid-djuq ta' ċella f'kunvent. Tifrex xibka bla qies. Usa minn ta' Żebedew! Għax biha seta' jaqbad iktar bnedmin.

Imma d-dinja tal-komunikazzjoni kienet teħtieġ dehen, flus u nies imħarrġa. Organiżżazzjoni li mingħajrha lanqas l-eqreb irkejjen ma jintlaħqu.

Patri Akkursju kien jafu dan. Ma kienx, imma, jaqta' qalbu. Kien bnieden b'viżjoni. Li jara jridu. Jekk fil-ġurnal ra fejda għal Għawdex u emmen li bih seta' jaqdi lill-Għawdxin, ma qgħadx jistenna l-bajtra taqa' f'ħalqu. Medd għonqu għax-xogħol u mitt sena ħsieb f'mitt jum għamlu realtà.

Il-ħolma li l-Għawdxin ikollhom ġurnal tagħhom ma bdietx ma' Patri Akkursju. Hija wisq eqdem. Bdiet ma' dik ta'Maltin oħra. Ma' l-ordinanza tal-15 ta' Marzu 1839 meta l-Kummmissjoni Rjali ta' George Lewis iddeċidiet li tagħti l-libertà lill-kelma miktuba.

Aktarx kienu l-mijiet ta' eżuli taljani f'pajjiżna li kebbsu l-ewwel xrariet tal-ġurnaliżmu. Vittorio Barzoni, u bħalu Settembrini, Settimo Ruggiero, Gabriele Rossetti, u Crispi, li kienu sabu kenn fi gżiritna. Kienu qaqoċċa bejniethom. U rnexxielhom jgħaqqdu l-biċċiet ta'pajjiżhom, li oħrajn ikbar minnhom kienu jsejħu b'disprezz 'espressjoni ġijografika', f'Italja waħda magħquda.

U bħalhom għamlu – għalkemm b'għanijiet differenti - l-għaqdiet reliġjużi u l-movimenti politiċi. Il-Knisja tagħna b' *L'Ordine, L'Avvenire*, u *La Diocesi*. U l-istess il-protestanti tal-*Missionary Society* bil-*Penny Magazine*. Ilkoll ossessjonati li jiġbdu l-perjodiċi tagħhom. U l-fazzjonijiet politiċi b'oħrajn. Dawk favur l-Ingliżi bil-*Public Opinion* ta' Sigismondo Savona. u dawk favur il-Maltin u l-kultura Taljana f'Malta bil-*La Gazzetta di Malta, La Voce del Popolo, Malta, Il Portafoglio Maltese* u ruxxmata ta' folji oħrajn imrewħa mill-*Movimento Nazionale* ta' Fortunato Mizzi.

Sa l-1880 il-lista ta' dawn il-ġurnali kienet bla qies. Kważi lanqas jingħaddu. Fl-1881, anki f'Għawdex noqob il-ħsieb li jkollu l-istampa tiegħu. Bdewh il-Ġeżwiti Sqallin fis-Seminarju. Intremgħet stamperija żgħira taħt il-palazz ta' l-isqof u bl-inizzjativa ta' l-isqof Pietru Pace stess, Mikiel Angelo Mizzi kiteb lil Don Bosco biex jibgħat f'Għawdex tipografi effiċjenti ħalli jħarrġu kompożituri u ħaddiema oħra fuq il-magni.

Il-proġett ma rnexxiex. L-Għawdxin, iżda, ma qatgħux qalbhom. U daqqa permezz tal-perjodiku *La Diocesi* u daqqa tal-fuljett *Il-Madonna ta' Pinu*, Għawdex ma waqaf qatt isemma' leħnu. B'Monsinjur Luiġi Vella minn ta' quddiemnett. U bħalu l-Monsinjur tal-Vers, Dun Ġużepp Farrugia, il-prokuratur Wiġi Cutajar, Dun Ġużepp Portelli, Dun Pawl tas' Savina, u l-Arċipriet Hili. Ma kienu jehdew qat jiktbu fuq id-devozzjoni lejn il-Madonna u fuq l-mirakli li kienu jsiru mill-Madonna ta' Pinu.

Niesna ta' żmien it-tletinijiet u l-erbgħinijiet kienu jeħtieġu iktar minn aħbarijiet ta' qaddisin u devozzjonijiet. Il-qagħda soċjali kienet imwiegħra. Il-mara, torqod u tqum b'xi xkupa jew b'biċċa tat-tfarfir f'idejha. Ir-raġel jagħżaq jew jagħlef. U t-tfal jekk ma jkunux ma' djul ommhom jiġġerrew barra. Bla skola!

Pajjiżna stess kien għadu ma stejqirx mit-tifrik tal-gwerra. U l-fantażmi u d-dellijiet ta' min fl-imgħoddi ħaqar biex ħakem, kienu għadhom isaltnu. Jgħaffġu fuq il-poplu bħal fi żmien il-fewdu.

Lil Patri Akkursju dil-qagħda kienet tagħtih f'rasu. Xtaq jaqlibha ta'taħt fuq . F'ordni iktar demokratiku. B'poplu li jaħkem flok maħkum. Ried bidla f'niesu, fil-mentalità ta' min iħaddem biex il-ġustizzja tasal indaqs għand kulħadd. F'kull taqsima soċjali.

Ma kienx appell emozzjonali dak l-ewwel editorjal tiegħu 'Għawdex, diċ-ċkejkna art twelidna'!

Kien qisu d-diskors tat-tron tal-parlament tagħna. Il-programm li kellu jitwettaq minn ġurnal kattoliku fi gżira kattolika. Bi kliem meqjus u b'rotta preċiza. Ma jimpurtax li l-baħar ikun mqalleb. L-aqwa li d-dgħajsa tkun soda u l-kaptan tajjeb. Meta kont qrajtu, minkejja li kien għadni tfal, ħassejtu qisu xokkijiet ta' l-elettriku f'demmi.

Problemi, iva, waħda wara l-oħra: toroq ħżiena, trasport bejn Malta u Għawdex mill-agħar, servizzi ta' l-ilma u l-elettriku li ma jaslux kullimkien, irħula bla skola, nies qiegħda, sptar bla tobba. Kollox ta' żmien il-brodu. Imma b'soluzzjoni. Jekk il-magna ta' l-elettriku ma kenitx tiflaħ iktar dawl, niddubbaw bil-fanali u l-lampa tal-pitrolju li kien hemm fil-maħżen taċ-Ċittadella.

Akkursju kien parti mill-istorja ta' dak iż-żmien. Altru kenux jinteressawh Ġoġo jkanta it-*Traviata* u Pawlu tal-Lingi jew t-Tabib Tabone joħlom b'Kunsill Ċiviku li jagħti lil Għawdex post speċjali fil-kostituzzjoni ta' Malta! Kont bħalhom iffissat f'pajjiżi. Li narah ġej 'l quddiem. B'toroq aħjar, bi skejjel kullimkien u ta' kull għamla, bi swieq ikbar għall-prodotti tagħna, b'ċittadini li jagħmlu ġieħ. Bi trażżin ta' iktar qirda fl-ambjent. B'Għawdex sabiħ! Ċentru ta' turiżmu kulturali! Kif dejjem xtaqhom Patri Akkursju.

Għalija Patri Akkursju forsi iktar minn ġurnalista kien l-umanista li għaraf li l-bniedem hu ruħ mhux għodda. Li hu ġabra ta' emozzjonijiet. Li jaf iħoss u jaħseb. Għalhekk kien filosfu u dak li tgħallem fl-universitajiet ta' Milan u ta' Ruma ried jarah fil-prattika ġo pajjiżu. It-tradizzjonijiet ta' niesu ma ramihomx. Anzi kkultivahom u tahom statura ġdida. Il-parroċċa tagħna qiesha tassew bħala komunità ta' *Christi fideles*. U lill-qaddisin protetturi tagħhom *pater familias* fis-sens Ruman tal-kelma.

Patri Akkursju, imma, barra li kien filosfu kien poeta nisrani. Dak li kien jemmen kien jiktbu u jgħannih. Bla biża'. Għax dak li ħass fi tfulitu baqa' jħeġġu u jqaddsu. Għalhekk quddiem l-istatwa tal-qaddis tal-parroċċa tiegħu San Ġorġ il-ġmiel u l-arti jinbidlu f'kuruna ta' tifħir u tixbih ma' nislu nisrani.

Kont nagħrfu ġej minn kantuniera bogħod. Vuċi baritonali ta' predikatur mill-aqwa. B'idejh miftuħa jagħjat u jgħidli: 'Dan Għawdex tagħna! Imma, kemm hu sabiħ, Pawl! U iktar ma nħares lejh mill-bogħod taċ-ċella tiegħi f'Malta iktar narah isbaħ u isbaħ!'

## Passiġġata Biblika - 8

*"Jien hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż igħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi, li jingħata għall-ħajja tad-dinja." (Ġw 6:51)*

# L-EWKARISTIJA FIL-VANĠELU TA' SAN ĠWANN

minn Fr. Charles Buttigieg

### Daħla

**Il-kelma 'Ewkaristija' ġejja mill-grieg '*eucharistein*' li tfisser 'radd il-ħajr'. L-Ewkaristija hija tassew radd ta' ħajr lil Alla għal dak kollu li wettaq permezz ta' Ibnu Ġesù Kristu, li baqa' ħaj fostna.**

### Il-Ħobż u l-Inbid

Fl-aħħar ċena Ġesù għamel użu minn ħobż u nbid. L-ewwelnett insemmu r-rispett kbir li jgawdi l-ħobż fid-dinja biblika, il-ħobż li ma jingħatax lill-annimali, il-ħobż li jaqa' fl-art jinġabar u jitnaddaf. U anke sal-lum xi komunitajiet għarab ma jużawx is-sikkina biex jaqsmu l-ħobż biex ma 'joqtlux', bħallikieku jħarsu lejh bħala xi kreatura ħajja. U xi ngħidu għall-inbid, simbolu ta' ferħ u ta' festa, "li jferraħ qalb il-bniedem" (Salm 104:5); ma tistgħax timmaġina festa mingħajr inbid: "Ma għandhomx nbid", qalet Marija lil binha fit-tieg ta' Kana (Ġw 2:1-12). Għalhekk fid-dinja biblika, l-ħobż u l-nbid huma l-elementi l-iktar universali u l-iktar bażiċi biex wieħed jiekol ma' sħabu u jagħmel festa.

### Il-Komunità ta' San Ġwann

Il-komunità ġovannejja li fforma San Ġwann l-appostlu u li għaliha kiteb l-opra tiegħu, kienet tgħix u temmen li Kristu kien tassew ħaj fosthom. Din il-preżenza ta' Kristu fil-qsim tal-ħobż kienet importanti ħafna għal din il-komunità għax kienet temmen tassew li "din hi tabilħaqq ir-rieda ta' Missier: li kull min jara lil l-Iben u jemmen bih, ikollu l-ħajja ta' dejjem..." (Ġw 6:40). Żgur li din il-komunità kienet tuża l-frażijiet li nsibu fil-kapitlu 6 ta' San Ġwann, fit-talba ewkaristika taċ-ċelebrazzjonijet tagħhom tal-Ewkaristija. Għalhekk mela nistgħu ngħidu li Ġwanni kiteb il-vanġelu tiegħu biex ikabbar il-fidi tal-komunità tiegħu fl-Ewkaristija u b'hekk ikollhom l-ħajja ta' dejjem kif naraw f'20:30-31: "Hemm ħafna sinjali oħra li Ġesù għamel quddiem id-dixxipli tiegħu u li ma humiex imniżżla f'dan il-ktieb. Iżda dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija Bin Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu."

### Il-Vanġelu ta' San Ġwann

Minħabba l-importanza tal-Ewkaristija għall-komunità ta' San Ġwann, il-vanġelu tiegħu jitkellem ħafna drabi fuq l-Ewkaristija, biex ngħidu hekk huwa mibni fuq l-Ewkaristija. Anzi nkun eżatt meta ngħid li ċ-ċentru tal-vanġelu tiegħu hija l-Ewkaristija kif ser naraw.

F'San Ġwann għandna seba' diskorsi, li huma dawn: ma' Nikodemu f'3:1-21; mas-Samaritana f'4:1-42; fl-okkażjoni tal-fejqan tal-magħtub f'Betzata f'kap 5; tal-ħobż tal-ħajja f'kap 6; tal-festa tal-għerejex f'kap 7; tal-adultera f'8:3-11; u tal-aħħar ikla f'kapijiet 13–16. In-numru sebgħa hu importanti, numru perfett, fejn ir-raba wieħed, dak tan-nofs, aktarx ikun l-iktar importanti. Issa hawnhekk id-diskors ċentrali, dak l-iktar importanti, hu r-raba' wieħed, li huwa fuq l-Ewkaristija.

San Ġwann ma jużax il-kelma miraklu '*dynamis*' għall-mirakli, imma sinjal '*semeion*' li nsibuha sbatax il-darba fil-vanġelu. U għal darba oħra nsibu seba' sinjali li huma: ta' Kana; tal-fejqan tat-tifel tal-funzjunarju; il-fejqan tal-paralitiku f'Betzata; tat-tkattir tal-ħobż; ta' meta mexa fuq l-ilma; tal-għama; tal-qawmien ta' Lazzru. Mill-gdid ir-raba' wieħed, dak ċentrali, huwa marbut mal-Ewkaristija.

Dan kollu mela juri li l-messaġġi kollha li jrid iwassal San Ġwann huma mibnija u marbutin ma' l-Ewkaristija.

### Il-Kapitlu 6: Id-diskors ta' Ġesù dwar l-Ewkaristija

Wara li Ġesù għamel il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż insibu diskors twil dwar l-Ewkaristija fil-kapitlu 6, li huwa għamel fis-sinagoga ta' Kafarnahum. Hawnhekk Ġesù issa qiegħed jitkellem minn ikel li ma jispiċċax, mhux bħall-manna tad-deżert li kienet tispiċċa, imma minn ħobż li jibqa' għal dejjem (ara Ez 16:1-12). "Tassew tassew ngħidilkom, mhux Mosè takom il-ħobż mis-Sema, iżda Missieri jagħtikom il-ħobż tassew mis-Sema, għaliex il-ħobż ta' Alla huwa dak li jinżel mis-Sema u jagħti l-ħajja lid-dinja." (Ġw 6:32-33).

Il-kapitlu li huwa twil mhux ħażin, fih 71 vers, fih ħames episodji li ċ-ċentru tagħhom huwa d-djalogu fuq il-ħobż tal-ħajja.

vv.1-15 – It-tkattir tal-ħobż (l-1 episodju)
vv.16-21 – Ġesù jimxi fuq l-ilma (it-2 episodju)
vv.22-60 – Ġesù jitkellem fuq l-ikel ta' Ġismu u x-xorb ta' Demmu bħala Ewkaristija (it-3 episodju)
vv.61-66 – L-isfida li titlob il-fidi fl-Ewkaristija (ir-4 episodju)
vv.67-71 – Ġesù jitkellem mal-appostli (il-5 episodju)

Fil-qalba ta' dan id-diskors għandna l-kliem sabiħ ta' Ġesù li hu l-qofol ta' kollox: "Jiena hu l-ħobż tal-ħajja. Min jiġi għandi ma jieħdu qatt il-ġuħ, u min jemmen fija ma jkun qatt bil-għatx (v.35). Il-frażi "Jien hu", hija ta' importanza kbira teoloġika, liema frażi il-lhud kienu japplikawha biss għal Alla, huwa biss kien jista' jgħid: "Jiena hu".

### L-Ewkaristija f'San Ġwann

**1. L-Ewkaristija: Il-ħajja ta' Kristu fina**

L-Ewkaristija tgħaqqadna ma' Kristu li jagħtina l-ħajja



*L-artal mejda ġdid. bl-Aħħar Ċena fil-bronż taħt, fil-Knisja Arċipretali ta' Sannat*

bl-abbundanza kif naraw f'Ġw 10:10: "Jiena ġejt biex ikollkom il-ħajja, u l-ħajja bil-kotra." Din ir-rabta ma' Kristu narawha b'mod ċar f'kap 15 fl-allegorija tad-dielja, fejn il-verb 'tibqa'' insibuh 12 il-darba. Il-kelma griega għal dan il-verb hija '*menein*', li tfisser aktar minn 'tibqa'', imma 'toqgħod biex tgħix ma' xi ħadd', u nsibuha 40 darba fil-vanġelu, 27 darba fl-ittri tiegħu u darba fl-Apokalissi b'total ta' 68 darba fl-opri kollha ta' San Ġwann mill-118 darba fil-G.T; jiġifieri iktar minn nofs tal-frekwenza ta' dan il-verb importanti jinsab f'San Ġwann. "Tassew, tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-Ġisem ta' bin il-Bniedem u ma tixorbux Demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom." (Ġw 6:53).

**2. L-Ewkaristija: Ikel għall-ħajja ta' Dejjem**

Fil-kapitlu 6 rajna li Ġesù jitkellem mill-ħobż tassew, veru. Fl-antik testment għandna il-ħobż mis-sema tal-manna, issa għandna l-ħobż ta' Alla, il-ħobż divin li ma jispiċċax: "Aħdmu mhux għall-ikel li jgħaddi, iżda għall-ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem." (Ġw 6:27). "Min jiekol dan il-ħobż igħix għal dejjem" (Ġw 6:58). L-Ewkaristija hi mela rahan għall-ħajja ta' dejjem.

Interessanti li San Ġwann juża l-kelma 'laħmi' u mhux 'ġismi', rigward il-ħobż, li tenfasizza iktar ir-rejaltà tal-ġisem tal-bniedem. Fil-grieg ta' San Ġwann għandna l-kelma '*sarks*' li tfisser 'laħam tal-ġisem' (*flesh*) u mhux il-kelma griega '*soma*' li tfisser 'ġisem' (*body*). Il-komponent l-ieħor għal mal-laħam tal-ġisem, hu d-demm, li skond id-dinja lhudija huwa dan li jagħti l-ħajja lill-laħam. (ara Ġenesi 9:4, fejn insibu l-projbizzjoni li ma jieklux laħam bil-ħajja tiegħu ġo fih, jiġifieri bid-demm). Anke San Injazju t'Antijokja u San Ġustinu jużaw il-kelma 'laħam' fil-lingwaġġ ewkaristiku ta' Ġesù. Interessanti kif fil Malti l kelma 'laħam' tixbaħ ħafna lill-kelma ebrajka '*leħem*' li tfisser 'ħobż'. Il-ħobż ewkaristiku hu tassew 'laħam', ikel għalina li ma jispiċċa qatt.

**3. L-Ewkaristija: Ġesù huwa l-Ħaruf ta' Alla**

Fil-vanġeli sinottiċi naraw li l-aħħar ċena ta' Ġesù mad-dixxipli tiegħu kienet l-ikla ta' l-Għid fejn il-ħaruf ma jissemmix għaliex proprju Ġesù huwa l-ħaruf: "Morru ħejjulna l-ikla tal-Għid halli nieklu l-ħaruf." (Lq 22:9). San Ġwann jantiċipa din l-ikla qabel il-jum proprju tal-festa tal-Għid biex juri li l-mument kollu tal-passjoni, mill-ħasil tal-riġlejn sal-mewt tas-salib, bħala l-glorja tal-ħaruf ta' Alla. "Qabel il-festa tal-Għid, billi kien jaf Ġesù li waslet is-siegħa tiegħu... hu li kien ħabb lil tiegħu... ħabbhom għall-aħħar. Kienu qegħdin għall-ikel." (Ġw 13:1-2). "Imbagħad ħadu lil Ġesù mingħand Kajfa għall-Pretorju. Kien fil-għodu kmieni. Huma ma daħlux fil-pretorju, għax ma ridux jitniġġsu, biex ikunu jistgħu jagħmlu l-ikla tal-Għid". (Ġw 18:28). Dan juri mela li l-ikla tal-Għid kienet għada ser issir.

Naraw fil-kundanna ta' Ġesù: "Kien jum it-tħejjija ta' l-Għid għall-ħabta tas-sitt siegħa. Pilatu qal lil-Lhud: Arawh is-sultan tagħkom" (Ġw 19:14). Il-ħaruf tal-Għid kien jinqatel fil-bitħa tat-tempju fejn il-kap tal-familja kien jiskarnah u l-qassisin kienu jiġbru d-demm tiegħu. Ġesù proprju jmut fuq is-salib x'ħin kienu qegħdin jinqatlu l-ħrief fil-bitħa tat-tempju għall-festa tal-Għid tal-Lhud. Ġesù li fuq is-salib ma tinkisirlu ebda għadma, l-istess bħala ħaruf tal-Għid. "Ġew is-suldati u kisru r-riġlejn ta' l-ewwel u tat-tieni wieħed li kienu msallbin miegħu. Iżda meta waslu għal Ġesù, billi raw li kien ġa mejjet, ma kisrulux riglejh. ...Dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid: "Ebda waħda minn għadmu ma jkissrulu." (Ġw 19:32-36).

**4. L-Ewkaristija: Sagrifiċċju ta' Tpattija għal Dnubietna**

Ġesù, il-ħaruf il-ġdid issagrifikat bħala vittma u li ċarċar demmu fuq is-salib ħelisna mid-dnub tagħna bħalma ġie salvat il-poplu lhudi fl-Eżodu li ċarċru d-demm tal-ħaruf fuq il-bibien ta' djarhom. L-Ewkaristija hija għalhekk is-sagrifiċċju ta' Kristu għas-salvazzjoni tagħna li jeħlisna mid-dnubiet tagħna. San Ġwann qed jurina issa li huwa d-demm ta' Ġesù Kristu, id-demm tal-ħaruf ta' Alla li jsalva lill-popli kollha: "Araw il-ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja." (Ġw 1:29).

**5. L-Ewkaristija: Festa għan-Nisrani**

Il-ferħ li ġab Ġesù x'ħin bidel l-ilma fl-inbid fl-ewwel sinjal fit-tieġ ta' Kana, għandu jkun il-ferħ tagħna bħalma kien għall-appostli u għall-ewwel insara li kienu jgħixu l-Ewkaristija. L-Ewkaristija hija tassew festa għaliex Kristu nnifsu jrid jibqa' magħna. Ejjew bħala poplu nisrani nersqu lejn dan il-mument tal-Ewkaristija fi spirtu ta' festa b'mod partikulari fl-Ewkaristija fil-Jum tal-Ħadd li hu Jum il-Mulej, il-Festa tal-Għid ta' kull ġimgħa, li tressaqna dejjem għall-Festa tal-Ewkaristija bla tmiem fis-Sema pajjiżna.

*L-appuntament ta' Dr Mario Saliba M.D. mal-qarrejja tagħna.*

# int u saħħtek



## "Bon Voyage"

**Issa li s-sajf wasal, ħafna huma dawk li jmorru vaganzi f' xi pajjiż barra minn Malta. Il-maġġoranza ikollhom jużaw l-ajruplan għalkemm illum ukoll daħlet l-użanza tal-*cruises* fuq xi vapur lussuż.**



Qabel ma wieħed imur jibbukja safra hemm diversi fatturi importanti li jiddeterminaw ir-riskji li għalihom ikun espost il-vjaġġatur. L-ewwel u qabel kollox l-istat ta' saħħa ta' dak li jkun. Hemm imbagħad id-destinazzjoni li fih tkun sejjer. Ma din tidħol ukoll l-istandard ta' akkomodazzjoni u l-iġjene ta' l-ikel. Fl-aħħarnett hemm l-imġieba stess ta' min isiefer waqt il-btala.

Hija r-responsabbiltà ta' min isiefer li jistaqsi u jkun jaf l-informazzjoni kollha fuq il-post fejn sejjer. Għalhekk informazzjoni utli tkun jekk jeżistux xi riskji, l-għoli mill-baħar waqt xi *tour* bil-*cable car* fuq il-muntanji u jekk ikunx hemm aċċess għall-faċilitajiet mediċi f'każ ta' bżonn. Illum peress li qegħdin fl-Unjoni Ewropea tajjeb li nagħmlu l-formula l-E111 biex permezz tagħha nkunu nistgħu nieħdu kura b' xejn f' każ ta' emerġenza wat il-vaganza. Din il-formula tista' tinkiseb faċilment billi wieħed iċempel id-Dipartiment tas-Saħħa fuq in-numru 21224071, jagħti d-dettalji tiegħu u jibgħatuhielu d-dar bil-posta. Għal din il-formula ma hemmx ħlas. Għalkemm il-kura tas-saħħa hija garantita mis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea mhix dejjem possibbli u xi drabi jkollok bżonn tieħu kura privata li tqum ħafna flus. Għalhekk huwa importanti ħafna li jkollok ASSIGURAZZJONI TAS-SAĦĦA ADEGWATA.

Jekk il-pajjiż li sejjer huwa fl-Ewropa normalment ma hemmx bżonn ta' tilqim jew xi prekawzjonijiet speċjali ta' saħħa. Imma jekk tkun sejjer f'kontinent ieħor aħjar li tikkonsulta tabib jew iċ-Ċentru tas-Saħħa għall-parir dwar riskji li tista' tiltaqa' magħhom u kif dawn tista' tevitahom. L-aħjar li tagħmel dan minn 4 sa 6 ġimgħat qabel ma ssiefer speċjalment jekk sa żżur xi pajjiż fejn għandek bżonn tieħu xi tilqim.

Qabel ma ssiefer għamel vista medika jekk tkun



tbati minn xi kundizzjoni partikulari bħad-dijabete, mard tal-qalb, pressjoni eċċ, jew sejjer timxi għal tul ta' ħin jew ser titla fuq xi muntanja. Ħafna nies li jsofru minn kundizzjonijiet mediċi xorta jsiefru. Ħafna huma l-anzjani li jsiefru mingħajr ma jinqalgħulhom problemi. Però kemm jekk għandek kundizzjoni temporanja bħal tqala jew kundizzjoni kronika bħal ma hija d-dijabete huwa importanti li tikkonsulta tabib dwar is-safra kif ukoll biex tipprepara xi bżonnijiet speċjali. It-tabib li jinvistak itik ittra li turi l-kundizzjoni li minnha tbati, il-mediċini u t-trattament li qed tieħu. Tajjeb li jissemmew ukoll xi allerġiji mediċi. Importanti ħafna li tieħu miegħek il-pilloli kollha li s-soltu tieħu. Mhux dejjem issib il-mediċini kollha jew l-ekwevalenti tagħhom. Barra minnhekk tajjeb li wieħed jieħu miegħu xi pilloli għall-uġigħ bħal *paracetamol*, pilloli ta' l-istonku jew dardir jew kontra d-dejarea. It-tabib jista' jiktiblek xi antibiotiċi f' każ li jkollok id-deni minn xi infezzjoni. Xi faxxa, termometru, garża u stikka u xi antisettiku huma bżonnjużi ukoll. Dawn l-affarijiet kollha għandhom jinżammu fil-basket f'idejk biex tnaqqas ir-riskju li jintilfu matul il-vjaġġ kif ukoll biex ikunu aktar aċċessibbli f' każ ta bżonn. Jekk tkun ser tivjaġġa għat-tul ipprova qassam il-vjaġġ f'titjiriet iqsar. Waqt il-vjaġġ qatt ma għandek torqod għal ħin twil. Ixrob ħafna ilma u evita l-alkoħol u l-kafè u s-*soft drinks* għax dawk jixxuttawk iktar. Evita li toqgħod bilqegħda sieq fuq sieq. Ilbes ħwejjeġ u żraben komdi u qum u imxi kemm jista' jkun matul il-vjaġġ biex tevita li taqbdek trombosi f' riġlejk. Waqt li qiegħed bilqegħda pprova ċaqlaq l-għaksa kemm jista' jkun u għolli u niżżel sieqek fuq ponot subgħajk.

Waqt il-vjaġġ jekk ikun hemm is-sħana ixrob ħafna ilma, xorb mhux alkoħoliku b' mod partikolari xorb li fih ħafna minerali, eż. sugu tal-frott, meraq tas-soppa, eċċ. Kemm jista' jkun strieħ u evita eżerċizzju vigoruż. Uża kappell u tilbisx ħwejjeġ issikkati. Ftakar li l-moda qatt ma għandha tieħu post is-sigurtà .

Dawn kienu ftit prekawzjonijiet li wieħed jista' jieħu qabel u waqt il-btala biex kemm jista' jkun nieħdu gost u nistrieħu mingħajr ma nagħmlu ħsara lil saħħitna. Mela "*Bon Voyage*!".

D-Bar, Cafe
*where friends are meeting!!*
Pan Pizza, Pasta & Home-made Cooking
St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2155 6242 • Mob: 7942 7014

*For delicious Italian and Maltese meals...*
Ta' Vestru
BAR, RESTAURANT & PIZZERIA
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo. Tel: 2156 4589, 2155 9090

# ĦOLM IL-ĦAJJA



*Pariri lill-Adolexxenti minn MARY PULI*

## IL-KNISJA HI D-DAR T'ALLA

### 1 Storja

Darba raġel li xtaq jibda jħaddan ir-reliġjon kattolika, mar ma' membru ta' Għaqda Reliġjuża biex idawru mal-knisja tal-parroċċa u jkellmu fuq is-Sagrament u l-qaddisin li kien hemm fil-knisja. Kellmu fuq il-quddies u ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-knisja.

Meta ħarġu mill-knisja u kienu ser jinfirdu, ir-raġel qal lill-membru tal-Għaqda, li b'dak li qallu ma kienx konvint u ried jaħsibha. Tafu għaliex? Qallu li kieku kien jemmen tassew li fit-Tabernaklu hemm Ġesù ħaj u veru, meta daħal fil-knisja, kien l-ewwel isellem lil Ġesù Sagramentat, mbagħad kien idawru mal-knisja. U baqa' jaħsibha biex jingħaqad ma' l-Kattoliċi. U kellu raġun.

### 2 Tagħlima

Ma nafx kemm bosta minna nagħtu eżempju meta nkunu fil-knisja. Nafu li hija d-Dar t'Alla u sadanittant tara xi wħud li l-ewwel imorru jitolbu quddiem il-qaddis favorit tagħhom u meta jlestu, imorru quddiem is-Sagrament. Ma nagħmlux tajjeb u bla ma nindunaw inkunu ta' eżempju ħażin għall-oħrajn.

### 3 Pariri

Meta tkun ix-xita u ż-żarbun ikun imċappas bit-tajn, nimsħu saqajna sewwa mat-tapit li jkun hemm fejn il-bieb, mhux indaħħlu t-tajn ma' saqajna u nħammġu l-knisja kollha.

Fix-xita nużaw l-umbrella, u meta l-umbrella tkun ixxarrbet bix-xita, indaħħluha f'basket tal-plastik, biex ma nqattrux l-ilma ma' kullimkien, lanqas inpoġġuha ħdejna fuq il-bank biex ma ninsewhiex, bir-riskju li min ipoġġi minflok l-umbrella, jixxotta l-ilma b'ilbiesu.

Il-knisja hija d-dar t'Alla, għaldaqstant, ilbiesna u, l-imġieba tagħna jridu jkunu tajbin li jixirqu lil dan il-post qaddis.

Meta nidħlu fil-knisja nagħmlu salib bl-ilma mbierek u nfittxu post 'il quddiem kemm jista' jkun. Nidħlu bla ħoss u mingħajr għaġla żejda.

Ma noqogħdux wara xi kolonna, minn fejn ma nkunux nistgħu naraw lis-saċerdot iqaddes, jew noqogħdu sieq fuq sieq, għax aktar tiġina faċli biex nitkellmu.

Inkunu puntwali għall-quddiesa ħalli nibdewha mill-bidunett. Nieħdu sehem attiv fiha billi ninżlu għarkupptejna, inqumu, inkantaw, inwieġbu lis-saċerdot bil-ħeġġa...

Nagħmlu użu mill-kotba tal-kant u mill-fuljetti ta' nhar ta' Ħadd u nibżgħu għalihom daqs li kieku huma tagħna.

Ma nfixklux lil ħaddieħor bit-tpaċpiċ tagħna jew inħarsu 'l hinn u 'l hawn. Inżommu ħarsitna fuq l-artal biss.

Id-dar t'Alla jixirqilha lbies onest – t-tfajliet la jilbsu skullat, la trasparenti u lanqas dbielet qosra. Il-ġuvintur ma jħallux il-qmis miftuħa żżejjed u lanqas jixraq qliezet qosra.

Meta s-saċerdot ikun qed jagħmel l-omelija, ma niċċaqalqux u nuru li aħna nervużi għax infixklu lis-saċerdot.

Nibżgħu għall-propjetà tal-knisja – bankijiet, kotba. Ma mħallux it-'*tissues*' fil-bankijiet, mhux sewwa li ħaddieħor ineħħihom minn warajna.

Naraw li jkollna xi ħaġa tal-flus biex meta ssir il-ġabra nagħtu tagħna wkoll.

Ma noqogħdux ħdejn persuni li nafu li jħobbu jitkellmu. Jekk irridu nkellmuhom, nistennewhom wara l-quddiesa.

Jekk nafu naqraw tajjeb, inkantaw, indoqqu, nafu nirranġaw il-fjuri, nistgħu ngħinu fit-tindif tal-knisja, ma noqogħdux lura imma noffru s-servizzi tagħna billi navviċinaw lill-kappillan. Niftakru li aħna bħala parruċċani rridu nżommu l-parroċċa ħajja.

Aħna għandna l-obbligu li nitolbu għas-saċerdoti tal-parroċċa tagħna biex jitqaddsu ħalli jqaddsu lilna. Obbligati li nitolbu għall-parroċċa kollha biex ilkoll flimkien inżommu l-komunità ħajja, u ma taqax fl-apatija. Il-kappillan jaħdem kemm jaħdem, waħdu, mhux ma jagħmel xejn, imma jagħmel inqas.

### 4 Mela isma din...

Darba kien hemm kappillan li ħass li l-parroċċa kienet qed taqa' f'ċerta apatija u ried jagħmel esperiment. Beda jdoqq il-qniepen, qisu miet xi ħadd kbir. Il-kappillan lesta tebut f'nofs il-knisja u fil-qiegħ tiegħu poġġa mera. Wara l-funzjoni, il-kappillan stieden lil dawk preżenti biex jitilgħu jagħtu l-aħħar tislima lill-katavru. Meta ħarsu fit-tebut ma lemħu ebda katavru ħlief lilhom infushom, fil-mera.

Il-kappillan ried jurihom ċar li l-katavri kienu huma lkoll, għax bl-indifferenza, bin-nuqqas ta' koperazzjoni u attendenza, kienu qed iressqu l-parroċċa lejn il-qabar.

X'qegħdin nagħmlu biex inżømmu l-knisja u l-parroċċa ħajja?

***Dejjem tiegħek, Mary Puli.***



# Bejnietna n-Nisa



Tiktbilna SUSAN MULVANEY

## JIBŻGĦU AKTAR MILL-BRIMB MILLI MIT-TERRORIŻMU!

**Sejħuli li tridu. Jien nitwerwer minn ġurdien. Taqbadni żennifobja żul minn hemm hekk kif inħoss li hemm ġurdien fl-akkwati tiegħi. U nħossu minn seba' mili bogħod, għax nibda nħokk u xuftejja jintefħuli. M'hemmx x'tagħmel. Anqas fuq il-liżar taċ-ċinema jew stampa f'ġurnal ma rrid narah. Kemm il-psikjatra u kemm l-ipnotista qaluli li jfejquni minnha dil-biċċa. Anqas biss nipprova għax naf li jippruvaw jikkonvinċuni biex inżomm ġurdien f'idejja. Mela le!**

Kelli ġara li kienet titwerwer mill-gremxul. Naf irġiel li jipparalizzaw meta jintebħu b'wirdiena.

U għalhekk forsi naf x'ħassew dawk it-33 fil-mija li ħadu sehem fi stħarriġ ta' Università fl-Awstralja dan l-aħħar li qalu li l-aktar ħaġa li jibżgħu minnha bħalissa hija brimba. Mhux it-terroriżmu. Dan jiġi t-tieni. Mhux il-qtil bl-armi. Le, brimba. Jitwerwru minn brimba: taqbadhom araknefodja jew araknofobja.

U kemm il darba tkunu qed taraw it-TV bi kwietkom, u tfeġġ brimba fuq xi tapit. Min iwerżaq, min jaqbad gazzetta u jirrimblaha biex jgħattiha. Għal ftit minuti kaos sħiħ.

Dik le. Ma ddejjaqnix. Anzi, ngħidilhom li dik qed tibża' minna aktar milli qed jibżgħu huma. Ħalluha tgħix għax tagħmel il-ġid. Naqbadha u nneħħiha. Iżda min jibża' mill-brimb jgħidli "U żgur, dak mhux ġurdien!"

Għaliex kif jilmħuha jibda jxoqq l-għaraq għalihom? Kienet l-evoluzzjoni li pprogrammathom biex jibżgħu minn brimba? Jagħmlu sewwa li joqtluha qabel tikolhom?

Kevin Thom ma jaħsibx. Huwa kien minn dejjem iffaxxinat bil-brimb. Sa minn meta kien daqsxejn ta' tifel bil-qalziet qasir. U seba' snin ilu sar voluntier fil-*Butterfly and Insect World* ta' Edinburgh, l-Iskozja, li jieħu ħsieb dawk il-brimb li t-tfal ikunu xebgħu minhom wara li jkunu xtrawhom biex iżommu bħala *pets*. Illum Kevin iqis ruħu l-uffiċjal għar-relazzjonijiet bejn l-insetti u l-bniedem!

Nick jgħid li t-trabi ma jibżgħux mill-brimb u allura jasal għall-konklużjoni li l-biża' mill-brimb inissluh l-adulti fit-tfal. Minn naħa l-oħra, Nick jaf li ċ-ċimpanżi jibżgħu mill-brimb għax jafu li l-gidma tagħha tweġġagħhom.

La l-brimb, la l-ġrieden u l-anqas il-gremxul mhu se joqtluna. In-nuqqas ta' informazzjoni toqtolna. Għalhekk, jgħidilna Nick, ixtru ktieb u aqraw dwarhom. Idħlu fl-Internet u sibu tagħrif dwarhom.



Hemm ħafna siti li huma interattivi wkoll!

Madankollu, ċajt apparti, il-biża' mill-brimb jistà jwassal għal ċerti konsegwenzi. Kien hemm min biddel id-dar għax beda jara ħafna brimb.

Darba waħda mara rat brimba fil-kamra tal-banju u tant werżqet li żewġha semagħha anke bil-*headphones* f'widnejh u bil-mużika għaddejja. Qabad lill-brimba u ħadha biex jarmiha mit-tieqa. Iżda din ħarbitlu minn idu u telgħet fuq spalltu. U l-mara immaġinat li kienet qed tħares lejha minn fuq spalltu. U stabtet ma' l-art imwerwra!

Mara oħra jgħidu li baqgħet siegħa sħiħa qisha statwa għax brimba daħlitilha fiż-żarbuna li kienet se tilbes. Ir-raġel tħasseb, mar jara x'ġara u 'salvaha'!

Ħafna minn dawk li jibżgħu mill-brimb, jitwerwru jimmaġinaw li brimba tista' tidħlilhom f'ħalqhom. Anqas nemusa ma trid f'ħalqek! Biex tkeċċi l-brimb taf xi trid tagħmel? Onfħilhom! U jħossu li hemm il-periklu. Ta' l-anqas hekk jgħid min jifhem.




# INAWGURAZZJONI TA' FAĊILITÀ SPORTIVA OĦRA TA' KWALITÀ F'GĦAWDEX

*minn Korrispondent*

**Fid-dawl tal-ħolqien ta' niċeċ turistiċi għal Għawdex, il-gżira tista' toffri faċilitajiet sportivi ta' kwalità li permezz tagħhom, id-dilettanti jistgħu jipprattikaw dixxiplini differenti f'Għawdex. Dan qalitu l-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, meta dan l-aħħar inawgurat uffiċjalment il-*Gozo Shooting Range*, li tinsab fil-limiti taż-Żebbuġ. Il-*Gozo Shooting Range* hija faċilità ta' livell olimpiku mgħammra b'dak kollu meħtieġ għall-ipprattikar ta' l-isport ta' l-isparar fuq il-plattini.**



Hawnhekk, id-dilettanti ta' l-isparar tal-plattini jistgħu jipprattikaw diversi dixxiplini ta' sparar.

L-*Olympic Trench* tikkonsisti fi pjattaforma, li tinsab taħt tinda, minn fejn jisparaw sitt tiraturi. Fl-*Olympic Trench* jista' jsir sparar f'kundizzjonijiet differenti ta' temp. Il-*Gozo Shooting Range* tinkludi wkoll faċilitajiet minn *club house*, fosthom bar u uffiċċju. Il-faċilitajiet kollha huma aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà.

Ir-*Range* se tiġi amministrata mill-*Gozo Clay Target Association*, li tħaddan magħha membri Għawdxin dilettanti ta' l-isparar fuq il-plattini.

Ix-xogħol fuq il-*Gozo Shooting Range* kien jikkonsisti fil-ħolqien ta' spazju adegwat, il-livellar tal-parkeġġ, il-bini ta' l-*olympic trench* u l-*clubhouse*, u x-xiri ta' l-apparat meħtieġ. Matul dawn l-aħħar snin, ġew investiti madwar Lm140,000 fuq dan il-proġett.

L-Onor. Giovanna Debono qalet lit-twaqqif tal-*Gozo Shooting range* kien proġett importanti għall-qasam sportiv t'Għawdex.

Minbarra li joffri faċilitajiet ta' livell lil dawk kollha li jipprattikaw dan l-isport f'Għawdex, dan il-proġett ikompli jsaħħaħ il-prodott turistiku tal-gżira.

Il-Ministru Debono qalet li ta' sikwit, Maltin u barranin iżuru lil Għawdex sabiex jipprattikaw xi tip ta' sport.

Il-faċilità tal-*Gozo Shooting range* se tkun qed toffri opportunità oħra għal tip ta' sport differenti li jista' jattira ammont ta' turiżmu intern u barrani lejn Għawdex, matul ix-xhur kollha tas-sena.

Il-Ministru Debono fakkret fl-investiment li sar mill-Gvern sabiex Għawdex ikollu faċilitajiet sportivi ta' kwalita fosthom il-Kumpless Sportiv t'Għawdex li kontinwament għaddej minn xogħol ta' manutenzjoni sabiex jibqa' ta l-ogħla livell possibbli.

Il-Ministru Debono rreferiet ukoll għall-proġett ta' *floodlighting* tal-*Gozo Stadium*, li wkoll se jwassal biex din tkun faċilità sportiva oħra ta' livell f'Għawdex.


Your wedding album with a difference
"Photostory"
call in for a free demo
various styles to choose from
The Photoshop
Fortunato Mizzi Street
Victoria, Gozo
Tel. 21 557555 21 563403
www.photoshopmalta.net
kaiser@maltanet.net
Photo Ceramics
LISA
From your valentine
Frames
Ovals
Mugs
key rings
souvenirs etc

# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti mill-kollezzjoni ta' Dr. Mario Saliba



Is-Santwarju Ta' Pinu



Il-Festa fin-Nadur